



Dokument ta' sessjoni

A9-0354/2021

20.12.2021

RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni - rapport
annwali 2021
(2021/2182(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: David McAllister

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI	29
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	34
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	35

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni - rapport annwali 2021 (2021/2182(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 21 u 36 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tas-16 ta' Ġunju 2021 tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP / RGħ) intitolat "CFSP Report – Our priorities in 2021" (Rapport PESK – il-prijoritajiet tagħna fl-2021) (HR(2021)94),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-31 ta' Ottubru 2000 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni f'Hong Kong, inklużi dawk tat-8 ta' Lulju 2021 dwar Hong Kong, b'mod partikolari l-każ ta' Apple Daily¹, u tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-liġi tal-PRC dwar is-sigurtà nazzjonali għal Hong Kong u l-ħtieġa li l-UE tiddefendi l-livell għoli ta' awtonomija ta' Hong Kong²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċeduri tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0354/2021),
- A. billi l-Parlament għandu d-dmir u r-responsabbiltà li jeżerċita s-sorveljanza u l-iskrutinju demokratiċi tiegħu fuq il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u l-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni u għandu jikseb l-informazzjoni neċessarja b'mod trasparenti u f'waqtu kif ukoll ikollu l-mezzi effikaċi biex jaqdi dan ir-rwol bis-sħiħ u b'mod effikaċi;
- B. billi l-iżviluppi internazzjonali u l-isfidi multidimensjonali ta' dan l-aħħar u ambjent ġeopolitiku li qed jinbidel malajr ħaffew it-tendenzi eżistenti li jolqtu lill-aspetti fundamentali tal-PESK tal-UE, kixfu l-vulnerabbiltà tal-UE għal avvenimenti u pressjonijiet esterni, enfasizzaw il-ħtieġa ta' azzjoni aktar b'saħħitha, aktar ambizzjuża, kredibbli, strateġika u unifikata tal-UE fix-xena dinjija, u aċċentwaw il-ħtieġa li l-UE tkun tista' tistabbilixxi b'mod awtonomu l-oġettivi strateġiċi tagħha u tiżviluppa l-kapaċitajiet biex dawn jiġu segwiti;
- C. billi dawn l-iżviluppi u l-isfidi jinkludu l-pandemija bla preċedent tal-COVID-19 li oriġinat f'Wuhan, fiċ-Ċina, u l-konsegwenzi tagħha; ir-rwol f'evoluzzjoni tal-Istati Uniti fix-xena globali, l-attakki ibridi kontra l-Istati Membri tal-UE, bħall-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, immirati biex iqiegħdu f'dubju l-pedamenti demokratiċi tagħna; il-ksur kontinwu tad-dritt internazzjonali min-naħa tal-Belarużsja;

¹ Testi adottati, P9_TA(2021)0356.

² ĠU C 362, 8.9.2021, p. 71.

l-assertività dejjem akbar tal-Partit Komunista Ċiniż u ta' reġimi awtoritarji u totalitarji oħrajn; il-kollass rapidu reċenti tal-istrutturi statali tal-Afganistan u t-teħid sussegwenti tal-kontroll tal-pajjiż min-naħa tat-Talibani; it-tensjonijiet fir-reġjun Indo-Paċifiku, speċjalment fl-Ibħra tan-Nofsinhar u tal-Lvant taċ-Ċina kif ukoll fl-Istrett ta' Tajwan; il-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva; it-tqegħid f'dubju tal-ftehimiet dwar il-kontroll tal-armi; it-tibdil fil-klima; il-kriminalità finanzjarja; l-aggravar ta' kunflitti reġjonali li ġġeneraw spostament tal-popolazzjoni; il-kompetizzjoni għar-riżorsi naturali; l-iskarsezza tal-enerġija u tal-ilma; l-Istati "falluti"; it-terroriżmu; il-kriminalità transnazzjonali organizzata; l-attakki ċibernetiċi u l-kampanji ta' diżinformazzjoni;

- D. billi dawn it-tendenzi li għaddejnin bħalissa huma r-riżultat ta' ċaqliq fil-bilanċ globali tal-poter lejn dinja multipolari kkaratterizzata mill-intensifikazzjoni tal-kompetizzjoni ġeopolitika, li qed tagħmel il-governanza globali u l-forniment ta' beni pubbliċi internazzjonali aktar diffiċli proprju meta dawn huma aktar meħtieġa;
- E. billi d-dinja daħlet f'era ġdida ta' "nonpaċi", żmien ta' inċertezza ġeopolitika dejjem akbar ikkaratterizzata mill-multiplikazzjoni tal-kunflitti reġjonali u mill-kompetizzjoni bejn il-potenzi l-kbar fil-qasam tal-enerġija b'riperkussjonijiet sinifikanti fuq is-sigurtà tal-UE;
- F. billi r-riperkussjonijiet negattivi tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà tal-UE qed isiru dejjem aktar ċari;
- G. billi aktar minn nofs it-tkabbir demografiku tad-dinja sal-2050 mistenni jsir fl-Afrika, u dan mistenni li se jikkorrispondi għal 1,3 biljun miż-2,4 biljun ruħ addizzjonali fuq il-pjaneta; billi l-konċentrazzjoni ta' dan it-tkabbir f'xi wħud mill-ifqar pajjiżi, flimkien mal-effetti tat-tibdil fil-klima, se jwasslu għal sensiela ta' sfidi ġodda li, jekk ma jiġux indirizzati minnufih, se jkollhom effetti tassew problematiċi kemm għall-pajjiżi inkwistjoni kif ukoll għall-UE; billi r-rapport tal-2019 dwar il-kummerċ u l-iżvilupp tal-Konferenza tan-NU dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp³ jikkalkola li kull sena se jkun meħtieġa USD 2,5 triljun addizzjonali biex jiġi żgurat ir-rispett tal-impenji tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli;
- H. billi l-UE jeħtieġ li tagħxi fix-xena globali b'vuċi koerenti waħda 'għerūq fil-kultura strateġika komuni biex tiżviluppa r-rwol ta' tmexxija tagħha u terġa' tqajjem u tirrifirma l-multilateraliżmu mmexxi mill-valuri tagħha ta' demokrazija, stat tad-dritt, ġustizzja soċjali, drittijiet fundamentali fosthom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-appoġġ għal-libertà fuq livell globali, u l-viżjoni tagħha għal futur sostenibbli u inklużiv;
- I. billi maġġoranza wiesgħa taċ-ċittadini tal-UE u l-kummenti li waslu sa issa fuq il-pjattaforma diġitali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa jappoġġaw rwol aktar b'saħħtu tal-UE u approċċ Ewropew komuni fi kwistjonijiet tal-politika estera u ta' sigurtà, u jixtiequ jaraw politika estera u ta' sigurtà tal-UE aktar koerenti u effikaċi;
- 1. Jenfasizza li sabiex tilħaq l-oġettiv strateġiku li tiżviluppa r-rwol ta' tmexxija globali tagħha, l-UE għandha ssawwar il-PESK tagħha abbażi tal-ħames azzjonijiet li ġejjin:

³Konferenza tan-NU dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp, *Trade and Development Report 2019 – Financing a Global Green Deal* (Rapport dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp 2019 – Il-Finanzjament ta' Patt Ekoloġiku Globali), 2019.

- tassumi rwol ta' tmexxija fit-tisħiħ tas-sħubijiet multilaterali f'dawk li huma prijoritajiet globali, b'mod partikolari s-sħubija tagħha man-NU, u fil-protezzjoni u fil-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fuq livell globali,
- ittejjeb il-viżibbiltà u l-proċess deċiżjonali tal-UE u tisfrutta b'mod sħiħ u aktar effikaċi l-istrumenti tas-setgħa ta' koerċizzjoni (hard power) u tas-setgħa ta' perswazzjoni (soft power) tal-UE, anki bl-introduzzjoni tal-vot b'maġġoranza kwalifikata għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-politika estera tal-UE,
- tikseb is-sovranià Ewropea billi torbot flimkien l-azzjonijiet esterni u interni tal-UE b'mod koerenti, billi tikkombina l-kapaċità li taġixxi b'mod awtonomu jekk ikun meħtieġ mar-rieda li tiġi segwita solidarjetà strateġika ma' sħab tal-istess fehma,
- tiżviluppa aktar l-istrateġiji reġjonali, anki f'dak li għandu x'jaqsam mal-impenn diplomatiku u ekonomiku u mal-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà,
- issaħħaħ is-sorveljanza, l-iskrutinju u r-responsabbiltà demokratiċi u d-dimensjoni parlamentari tal-PESK tal-UE;

Tassumi rwol ta' tmexxija fit-tisħiħ tas-sħubijiet multilaterali f'dawk li huma prijoritajiet globali, b'mod partikolari s-sħubija tagħha man-NU, u fil-protezzjoni u fil-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fuq livell globali

2. Jilqa' pożittivament l-ambizzjoni u l-inizjattivi dejjem akbar tal-UE biex tassumi rwol ta' tmexxija fil-promozzjoni tas-sħubijiet globali f'dawk li huma prijoritajiet kruċjali u fit-tisħiħ tal-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli u fuq il-valuri permezz ta' riforma tal-istituzzjonijiet u tal-organizzazzjonijiet prinċipali sabiex ittejjeb l-effiċjenza tagħhom u żżid ir-reżiljenza tagħhom u permezz ta' użu aħjar ta' mekkaniżmi u istituzzjonijiet eżistenti għall-governanza globali multilaterali; jinnota li dawn l-inizjattivi jagħmluha possibbli għall-komunità internazzjonali, irregolata mid-dritt internazzjonali, li tindirizza b'mod effikaċi l-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima, il-pandemiji, il-kriżi tal-enerġija u t-theddid terroristiku, u li tiġġieled kontra l-influenza ta' atturi awtoritarji malizzjużi; itenni li l-politika estera u ta' sigurtà tal-UE trid tiżgura l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU għall-2030;
3. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żviluppata sħubija tassew strateġika bejn l-UE u n-NU fir-rigward tal-azzjoni dwar il-klima u tad-drittijiet tal-bniedem u fil-kuntest tal-ġestjoni tal-kriżijiet; jistieden lill-Istati Membri u lill-gvernijiet tad-dinja kollha jattribwixxu aktar kompetenzi, riżorsi u kapaċità ta' intervent lill-organi tan-NU; jesprimi dispjaċir għall-fatt li ċ-Ċina u r-Russja jipprevjenu lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU milli jikkundanna r-reġimi oppressivi għall-azzjonijiet tagħhom, jostakolaw rispostta internazzjonali magħquda lid-diversi kriżijiet, u jimpedixxu l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-G7 fil-livell tan-NU; itenni l-appoġġ qawwi tiegħu lill-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħtu appoġġ finanzjarju adegwat biex jippermettu lill-QKI twettaq il-kompiti tagħha;
4. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tiddefendi u tippromwovi d-demokrazija fuq livell globali billi tagħti l-eżempju, inkluż billi tiżgura konformità stretta mal-prinċipji tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha; jitlob

lill-UE tippromwovi alleanza tad-demokrazija fid-dinja kollha; jinsisti fuq il-bżonn li jiġu akkomunati r-riżorsi, jiġu skambjati l-aħjar Prattiki, jiġu kkoordinati l-azzjonijiet komuni u jiġu żviluppati strateġiji kondiviżi fir-rigward tal-ġlieda kontra l-indhila malizzjuż u d-diżinformazzjoni min-naħa ta' Stati awtoritarji u tad-delegati tagħhom, ta' atturi u organizzazzjonijiet mhux statali ostili u ta' atturi antidemokratiċi fi ħdan is-soċjetajiet demokratiċi; jemmen li, biex jinkisbu riżultati pożittivi f'dan ir-rigward, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jippromwovu, permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib man-NATO, fost l-oħrajn, approċċ ta' gvern sħiħ u min-naħa tas-soċjetà kollha biex jiġi miġġieled it-treddid ibridu, flimkien ma' aġenda ambizzjuża ta' appoġġ għad-demokrazija li tiffoka fuq il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-kelma u l-indipendenza tal-media; jesprimi, f'dan ir-rigward, l-appoġġ sħiħ tiegħu għas-Summits għad-Demokrazija ospitati mill-Istati Uniti, li qed jiffukaw fuq azzjonijiet konkreti biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem universali, jipprevjenu r-rigress demokratiku u jiġġieldu l-korruzzjoni;

5. Jitlob lill-UE tiżviluppa s-sett ta' għodod tagħha għall-ġlieda kontra l-indhila, il-propaganda u l-operazzjonijiet ta' influwenza barranin, inkluż l-iżvilupp ta' strumenti ġodda li jippermettu li jiġu imposti kostijiet fuq dawk responsabbli u t-tiżi ta' strutturi rilevanti, b'mod speċifiku t-task forces għall-komunikazzjoni strateġika tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE); jilqa' b'sodisfazzjon ir-reviżjoni li għaddejja bħalissa tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni tal-Kummissjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE żżid il-viżibbiltà tal-azzjonijiet tagħha permezz ta' komunikazzjoni aħjar u aktar strateġika tal-azzjonijiet esterni tagħha mmirati lejn iċ-ċittadini tagħha stess u mhux;
6. Huwa mħasseb ħafna bir-rigress demokratiku kontinwu u d-daqqiet ta' ħarta lid-drittijiet tal-bniedem f'għadd dejjem akbar ta' pajjiżi mhux tal-UE, inklużi attacchi fuq id-drittijiet politiċi u l-integrità elettorali; jafferma mill-ġdid l-importanza tal-appoġġ kontinwu tal-UE għall-proċessi elettorali fid-dinja permezz ta' missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali, fost l-oħrajn, u jfakkar fir-rwol fundamentali tal-Parlament f'dan ir-rigward; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurati l-oġġli livell ta' protezzjoni għall-osservaturi elettorali nazzjonali; jitlob lill-UE tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha fl-osservazzjoni elettorali mas-sħab rilevanti kollha bħall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), il-Kunsill tal-Ewropa u l-organizzazzjonijiet li japprovaw id-Dikjarazzjoni ta' Prinċipji għall-Osservazzjoni Internazzjonali tal-Elezzjonijiet u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Osservaturi Internazzjonali tal-Elezzjonijiet;
7. Jinkoraġġixxi lill-UE tiżviluppa aktar ir-rwol ta' tmexxija tagħha fil-qasam tad-difiża u tal-protezzjoni tal-libertà, tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fi ħdan il-fora multilaterali u, b'mod partikolari, fin-Nazzjonijiet Uniti; jemmen li l-UE għandha tiżgura użu trasparenti u effikaċi tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (GHRSR) (Liġi Magnitsky tal-UE), inkluż billi tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-GHRSR biex jinkludi reati relatati mal-korruzzjoni; itenni li l-UE għandha tinforza aħjar id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-ftehimiet internazzjonali li tkun ikkonkludiet; ifakkar fin-natura politika tal-GHRSR tal-UE, li huwa parti mill-approċċ politiku integrat u komprensiv tal-UE;
8. Jinsisti fuq l-implimentazzjoni sħiħa u l-integrazzjoni sistematika tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi III

(GAP III) fl-azzjoni esterna kollha tal-UE, fil-livelli kollha ta' impenn u fl-attivitajiet u fil-kunċetti rilevanti kollha, anki lil hinn mill-validità tal-GAP III; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jeżerċitaw rwol ta' tmexxija fl-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà;

9. Jitlob l-implimentazzjoni effikaċi tal-Kunċett tal-Medjazzjoni għall-Paċi 2020 tal-UE biex tiġi kkonsolidata l-pożizzjoni tal-UE bħala attur globali influwenti li jinvesti fil-prevenzjoni u fil-medjazzjoni tal-kunflitti, u bħala protagonista fil-promozzjoni u fl-implimentazzjoni tal-paċi fil-livell internazzjonali; ifakkar fil-vantaġġ komparattiv tal-UE fil-qasam tal-prevenzjoni u tar-riżoluzzjoni tal-kunflitti fil-konfront tal-Istati Membri individwali; jenfasizza r-rwol ewlieni li żvolġa l-Parlament f'dan il-qasam permezz tad-diplomazija parlamentari; jirrikonoxxi r-rwol tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-bini ta' soċjetajiet paċifiċi, u fil-promozzjoni ta' kultura ta' paċi, tolleranza u djalogu interkulturali u interreliġjuż;
10. Itenni t-talba tiegħu għal appoġġ akbar favur l-istrategġija tal-UE dwar is-sigurtà marittima, billi ż-żamma tal-libertà ta' navigazzjoni toħloq sfida li qed tikber kemm fuq livell globali kif ukoll fil-viċinat; jissottolinja li l-libertà ta' navigazzjoni għandha tiġi rrispettata dejjem; jitlob lill-UE tikkonċentra aktar fuq l-iżgurar tal-libertà ta' navigazzjoni u fuq miżuri li jiffukaw fuq it-taffija tat-tensjonijiet u l-prevenzjoni ta' kunflitt armat u inċidenti militari fuq il-baħar;
11. Jitlob aġenda ambizzjuża tal-UE, f'kooperazzjoni mas-sħab ewlenin, biex tkun sostnuta l-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin barra mill-UE u biex titqajjem il-kwistjoni tal-persekuzzjonijiet abbażi tar-reliġjon jew tat-twemmin; jinnota li l-appoġġ favur il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin jikkontribwixxi għat-trawwim ta' paċi dejjiema u, għalhekk, biex jiġu indirizzati bosta mill-isfidi li għandhom quddiemhom l-UE u l-pajjiżi sħabha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħtar, mill-aktar fis possibbli, Mibgħut Speċjali ġdid tal-UE għall-promozzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin;
12. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi li għamlet l-UE bħala pijunier globali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE jipproponu inizjattivi ġodda, bħall-internazzjonalizzazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll inizjattivi biex jirreaġixxu għar-riskji għas-sigurtà relatati mal-klima, u biex jiġi indirizzat l-impatt tat-tibdil fil-klima fil-livell lokali, b'mod partikolari f'popolazzjonijiet vulnerabbli u f'komunitajiet milquta ħafna; jemmen li l-UE għandha tappoġġa objettivi ambizzjużi fit-tnaqqis tas-CO₂ fil-pajjiżi mhux tal-UE u jisħaq fuq il-ħtieġa li d-diplomazija dwar il-klima tiżvolġi rwol kruċjali; jistenna li l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew se jkollha konsegwenzi ġeopolitiċi sinifikanti u se tinfluwenza r-relazzjonijiet tal-UE ma' wħud minn sħabha, pereżempju billi tiġi indirizzata d-dipendenza tal-UE mill-provvisti ta' fjuwils fossili Russi;
13. Jilqa' pożittivament l-approċċ tal-UE u r-rwol ta' tmexxija globali fl-għoti ta' vaċċini kontra l-COVID-19 u fl-indirizzar tal-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-pandemija permezz tal-mekkaniżmu COVAX u l-pakkett globali tal-irkupru tat-Tim Ewropa; jistieden lill-UE tiżviluppa strategġija tas-saħħa globali soda, li tinkludi sforzi fuq livell globali u tal-UE biex jiġu żgurati tħejjija globali u rispons effikaċi għall-kriżijiet futuri u tiggarrantixxi aċċess ħieles, ġust, bi prezzijiet raġonevoli u ekwu għall-vaċċini fid-dinja kollha; itenni l-ħtieġa li l-UE ssir aktar awtonoma fir-rigward tal-kwistjonijiet tas-saħħa

u li tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista tagħha sabiex tintemm id-dipendenza minn reġimi awtoritarji u totalitarji; jilqa' favorevolment is-sħubija bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-kampanja ta' tilqim globali kontra l-COVID-19;

14. Jirrikonoxxi li t-teknoloġija, il-konnettività u l-fluss tad-data huma dimensjonijiet importanti tar-relazzjonijiet esterni u tal-ftehimiet ta' sħubija tal-UE u għandhom implikazzjonijiet ġeopolitiċi sinifikanti; iħeġġeġ lill-UE tiżviluppa sħubijiet globali għall-ħolqien ta' normi u standards ġusti, miftuħa u mmexxija mill-valuri dwar użu tat-teknoloġiji etiku, ibbażat fuq ir-regoli u ċċentrat fuq il-bniedem, li jirrispettaw il-privatezza tal-utenti individwali, b'mod partikolari fir-rigward tal-intelliġenza artifizjali u tal-governanza tal-internet billi tqiegħed id-diplomazija ċibernetika fil-qalba tal-azzjonijiet esterni tagħha; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tiżgura l-kooperazzjoni u l-koordinament fost id-demokraziji f'dan ir-rigward u li tiżgura r-rispett tad-dritt internazzjonali u umanitarju meta tindirizza l-kunflitti; jisħaq fuq it-theddida speċifika li t-teknoloġiji diġitali l-ġodda jistgħu joħlqu għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u għal oħrajn billi jikkontrollaw, jillimitaw u jimminaw l-attivitajiet tagħhom, kif muri dan l-aħħar mir-rivelazzjonijiet ta' Pegasus; jitlob lill-UE tieħu l-inizjattiva biex tippromwovi moratorju fuq l-esportazzjoni ta' teknoloġiji ta' spyware għal għanijiet repressivi u l-adozzjoni ta' qafas regolatorju internazzjonali robust f'dan il-qasam; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw diliġenza dovuta fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u skrutinju xieraq tal-esportazzjonijiet tat-teknoloġija Ewropea ta' sorveljanza u assistenza teknika f'konformità mar-Regolament dwar l-Użu Doppju⁴; jitlob li l-UE u l-Istati Membri jiddjalogaw mal-gvernijiet ta' pajjiżi mhux tal-UE biex itemmu l-prattiki u l-leġiżlazzjoni repressivi dwar iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tippreserva d-drittijiet tal-individwu; jissottolinja, għalhekk, li s-sistemi ta' punteġġ għaċ-ċittadini mhumiex konformi mal-valuri fundamentali tal-UE; jisħaq li politiki u strumenti ta' sorveljanza bħal dawn fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jiġu introdotti u użati fl-UE; jissottolinja, għalhekk, li l-UE jeħtiġilha taħdem biex tillimita u tiġġieled il-firxa transnazzjonali tar-repressjoni diġitali; jinnota li l-esportazzjonijiet tal-armi u tat-teknoloġiji tad-difiża hija kompetenza tal-Istati Membri;
15. Itenni li l-UE għandha tiżviluppa u timplimenta strateġija dwar il-konnettività globali bħala estensjoni tal-Istrateġija dwar il-Konnettività UE-Asja attwali u bħala risposta strateġika biex tissaħħaħ l-influwenza tagħha f'ħafna reġjuni tad-dinja bħall-Amerka Latina, l-Afrika u l-Asja; jilqa' pożittivament, għalhekk, l-inizjattiva ambizzjuża u multidimensjonali "Global Gateway" ippreżentata mill-Kummissjoni fl-1 ta' Diċembru 2021, li għandha l-għan li tinvesti, fost affarijiet oħra, fin-networks diġitali u fl-infrastrutturi ta' kwalità mas-sħab fid-dinja kollha b'mod ġust u sostenibbli, u twiegħed sħubijiet aktar b'saħħithom mingħajr ma toħloq dipendenzi; jisħaq fuq il-fatt li l-Kummissjoni għandha tagħmel proġetti ta' konnettività mal-pajjiżi mhux tal-UE subordinati għar-rispett tad-drittijiet soċjali u tax-xogħol stretti, tat-trasparenza, tad-drittijiet tal-bniedem, tad-diliġenza dovuta, tal-interoperabbiltà, tal-governanza tajba u tal-istandards demokratiċi, u għall-użu etiku tat-teknoloġija kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll barra mill-pajjiż; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa strateġija għat-titjib tal-aċċess tas-sħab tagħha għal teknoloġija affidabbli u sikura;

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senseriya, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju, ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1.

jenfasizza li l-investimenti fil-konnettività jeħtieġ li jappoġġaw ir-reżiljenza ekonomika u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija li hija kompatibbli mal-Ftehim ta' Pariġi; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu implimentati s-sħubijiet ta' konnettività tal-UE u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa dawn il-proġetti ta' konnettività flimkien mas-sħab tal-istess fehma u f'kooperazzjoni magħhom; kieku jilqa' pożittivament l-istabbiliment ta' sħubija ta' konnettività mal-Unjoni Afrikana (UA) fis-Summit li jmiss bejn l-UA u l-UE;

16. Jilqa' favorevolment l-inizjattiva globali tal-G7 "Build Back Better World" u jħeġġeġ lill-UE tiżvolġi rwol attiv fl-iżvilupp ulterjuri tagħha, inkluż billi tidentifika rabtiet u sinerġiji mal-istrateġija "Global Gateway";

Ittejjeb il-viżibbiltà u l-proċess deċiżjonali tal-UE u tisfrutta b'mod sħiħ u aktar effikaċi l-istrumenti tas-setgħa ta' koerċizzjoni (hard power) u tas-setgħa ta' persważjoni (soft power) tal-UE, anki bl-introduzzjoni tal-vot b'maġġoranza kwalifikata għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-politika estera tal-UE

17. Itenni li l-UE l-ewwel u qabel kolloxx għandha bżonn l-unità u r-rieda politika reali u aktar qawwija min-naħa tal-Istati Membri tagħha biex jaqblu flimkien fuq għanijiet tal-UE tal-politika estera komuni tal-UE u fuq il-kooperazzjoni tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża mmirati biex jimplementaw l-oġettivi, il-valuri, il-prinċipji u n-normi tal-Artikolu 21 tat-TUE, kif ukoll biex jipromwovuhom; jissottolinja l-hteġa li tiġi stabbilita Unjoni tas-Sigurtà u d-Difiża li sservi bħala punt tat-tluq għall-implimentazzjoni ta' politika Ewropea ta' difiża komuni, f'konformità mad-dispożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 42(2) tat-TUE;
18. Jissottolinja li l-politika estera tal-UE jeħtieġ li jkollha l-istrumenti tagħha stess f'dawk li huma affarrijiet barranin, drittijiet tal-bniedem u sigurtà u difiża; ifakkar li l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) ġiet minquxa fit-Trattat ta' Lisbona iżda ġiet stabbilita biss fl-2017; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kunsill, għalhekk, jadottaw b'kuraġġ u bil-mod l-aktar effiċjenti possibbli l-istrumenti kollha tal-politika estera disponibbli fit-Trattati;
19. Jisħaq fuq il-bżonn li l-UE, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tagħxi b'mod effiċjenti, f'waqtu, proattiv u indipendenti, u li ssawwar ir-risposta tal-UE għall-isfidi tal-lum u ta' għada; jisħaq fuq il-hteġa urġenti li l-UE tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju awtomatiku ta' informazzjoni u intelligence bejn l-Istati Membri u l-UE dwar kwistjonijiet ta' affarrijiet barranin u ta' sigurtà li jseħħu barra mill-UE, inkluż dwar it-terroriżmu li għadu theddida għall-valuri u s-sigurtà Ewropej u li jirrikjedi approċċ multidimensjonali; jilqa' pożittivament il-proċess "Boxxla Strateġika" li għaddej bħalissa bħala l-punt tat-tluq biex isir progress lejn Unjoni Ewropea tas-Sigurtà u s-Difiża u lejn is-sovranià strateġika tal-UE relatata mas-sigurtà u d-difiża tagħha, kif ukoll biex tinbet kultura strateġika komuni Ewropea ta' sigurtà u difiża mmexxija mill-valuri u mill-oġettivi kondiviżi tagħna u fehim komuni tat-theddid, kif ukoll ir-rispett tal-politiki speċifiċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża tal-Istati Membri; jistenna li l-Boxxla Strateġika se tgħin biex tissawwar viżjoni komuni tas-sigurtà u d-difiża tal-UE biex tinkiseb awtonomija strateġika; jisħaq fuq il-fatt li l-eżitu għandu jkun rifless f'verżjoni riformata tal-Istrateġija Globali tal-UE tal-2016 li tqis it-theddidiet, l-isfidi u l-opportunitajiet ewlenin, u toffri perkorsi biex l-UE tiżvolġi rwol globali aktar proattiv; jenfasizza, barra minn hekk, li dawn ir-riżultati għandhom

jirrappreżentaw il-bażi għal reviżjoni ta' dokumenti oħrajn bħall-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-2018;

20. Jisħaq fuq il-fatt tal-importanza tad-drittijiet tal-bniedem bħala element integrali tas-sett ta' għodod tal-UE dwar l-affarijiet barranin u jenfasizza l-komplementarjetà tagħhom; jinkoraġġixxi lill-UE tikkoordina mal-pajjiżi sħab fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u fl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet biex iżżid l-impatt tagħhom; jirrimarka li l-applikazzjoni konsistenti u uniformi tal-miżuri restrittivi fl-Istati Membri kollha hija prekondizzjoni għall-kredibbiltà u l-effikaċja tal-politika esterna tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati, u lill-Kunsill u lill-VP/RGħ bħala dawk responsabbli mill-unità, il-konsistenza u l-effikaċja tal-politika esterna tal-UE, biex jiżguraw li r-reazzjonijiet nazzjonali għall-ksur tal-miżuri restrittivi adottati mill-UE jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi; iħeġġeġ lill-UE żżomm koordinament u kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti fl-użu tas-sanzjonijiet meta ssegwi objettivi kondiviżi tal-politika estera u ta' sigurtà, filwaqt li tevita kwalunkwe konsegwenza mhux intenzjonata għall-interessi taż-żewġ pajjiżi;
21. Jisħaq, barra minn hekk, fuq il-fatt li, ladarba titlesta, il-Boxxla Strateġika jrid ikollha valur miżjud sinifikanti għall-PESK tal-UE u għas-solidarjetà fost l-Istati Membri, u ma għandhiex tkun sempliċi lista tat-theddid u tal-isfidi li għandhom quddiemhom l-UE u l-Istati Membri tagħha; jinsisti li l-abbozz finali tal-Boxxla Strateġika għandu jidentifika l-lakuni fil-kapaċità preżenti u futuri – kemm istituzzjonali kif ukoll f'termini ta' assi – u jipprova pjan direzzjonali ċar biex dawn jimtlew; itenni l-intenzjoni tal-Parlament li jkun involut f'dan il-proċess; jistenna li l-abbozz finali tal-Boxxla Strateġika u l-Kunċett Strateġiku tan-NATO jkunu koerenti ma' xulxin, u li dan jirrifletti diviżjoni aktar ċara tal-kompiti bejn l-UE u n-NATO biex jiġu żgurati kollaborazzjoni u kondiviżjoni tal-piżijiet aħjar, u biex jiġu identifikati modi kif tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO; jinkoraġġixxi lil dawk l-Istati Membri jużaw sal-massimu l-kapaċitajiet fil-pussess tagħhom permezz tal-adeżjoni man-NATO; jistieden b'urġenza lill-Istati Membri jilhq, ladarba titlesta l-Boxxla Strateġika, fehim komuni ambizzjuż tal-Artikolu 42(7) tat-TUE u tal-Artikolu 222 tat-TFUE u r-relazzjoni tagħhom mal-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana;
22. Ifakkar li t-Trattati jipprevedu l-possibbiltà li jitjiebu l-proċeduri deċiżjonali għall-PESK; ifakkar fil-fatt li l-Artikolu 31(2) tat-TUE, li jippermetti lill-Kunsill jieħu ċerti deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet tal-PESK permezz ta' vot b'maġġoranza kwalifikata (VMK), u l-"klawżola passerelle" li tinsab fl-Artikolu 31(3) tat-TUE, li tipprevedi l-possibbiltà ta' bidla progressiva f'VMK għal deċiżjonijiet fil-qasam tal-PESK li ma jkollhomx implikazzjonijiet militari jew ta' difiża iżda li jsaħħu s-solidarjetà u l-assistenza reċiproka tal-UE f'każ ta' kriżi; jisħaq fuq il-fatt li l-unanimità li tostakola l-kapaċità ta' azzjoni tal-UE u jħeġġeġ għaldaqstant lill-Istati Membri jirrikorru għall-VMK fil-proċess deċiżjonali dwar il-PESK; itenni, b'mod partikolari, l-appell tiegħu għall-introduzzjoni tal-VMK għall-adozzjoni ta' dikjarazzjonijiet dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u deċiżjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet skont il-GHRSR, u għad-deċiżjonijiet kollha rigward missjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) ċivili; jenfasizza li r-rikors għall-Artikoli 31 u 44 tat-TUE jista' jtejjeb il-flessibbiltà u l-kapaċità tal-UE li taġixxi fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet tal-politika estera;

23. Itenni l-appell tiegħu għall-ħolqien ta' formati ġodda ta' kooperazzjoni, bħall-Kunsill Ewropew tas-Sigurtà, sabiex jiġi żviluppat approċċ integrat għall-kunflitti u għall-kriżijiet; jissottolinja li l-kompożizzjoni u l-mandat possibbli ta' din il-kooperazzjoni għandhom ikunu suġġetti għal kunsiderazzjoni; ifakkar li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa li għaddejja bħalissa sservi ta' qafas rilevanti biex jiġu fformulati proposti innovattivi f'dan ir-rigward; jitlob li l-Konferenza tkun aktar ambizzjuża fir-rigward tad-dimensjoni esterna tal-politiki tal-UE, inkluż dwar is-sigurtà u d-difiża, pereżempju permezz tal-istabbiliment ta' unitajiet militari multinazzjonali permanenti tal-UE u l-introduzzjoni tal-VMK fil-proċess deċiżjonali tal-politika estera tal-UE; jinnota, madankollu, li oqfsa istituzzjonali ġodda waħedhom mhux se jsolvu l-isfidi strutturali u politiċi li għandha quddiemha l-PSDK; itenni l-appell tiegħu għall-ħolqien ta' Kunsill ta' Ministri tad-Difiża;
24. Jisħaq fuq l-istrumenti proprji tal-UE li għandhom jinkludu l-ħolqien ta' Akkademja Diplomatika Ewropea, li fiha jiġiejjew diplomatiċi tal-UE bħala tali mill-bidu nett u jikkonverġu fuq valuri u interessi komuni tal-UE, biex jinħoloq "spirtu ta' tim" veru ddeterminat minn kultura diplomatika komuni f'perspettiva Ewropea; jitlob l-implimentazzjoni sħiħa tal-proġett pilota "Lejn il-ħolqien ta' Akkademja Diplomatika Ewropea", li tista' twitti t-triq għall-istabbiliment ta' din l-akkademja u għandha tinkludi l-istabbiliment ta' proċess ta' selezzjoni għad-dħul fis-SEAE u fid-Delegazzjonijiet tal-UE; jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tar-rappreżentanza diplomatika tal-UE fil-pajjiżi mhux tal-UE u l-isforz għal rappreżentanza diplomatika sħiħa f'organizzazzjonijiet multilaterali b'mod ġenerali u n-NU b'mod partikolari; jenfasizza li rappreżentanza tal-UE aktar b'saħħitha fil-pajjiżi mhux tal-UE u fl-organizzazzjonijiet multilaterali tkun tippromwovi b'mod sinifikanti l-unità tant meħtieġa fost l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fir-rigward tal-indirizzar tal-isfidi globali fil-qasam tal-PESK;
25. Jisħaq fuq il-fatt li approċċ olistiku fil-konfront tal-PESK jirrikjedi s-sinerġija tar-riżorsi disponibbli kollha tal-UE fil-qasam tal-azzjoni esterna; jevidenzja, f'dan ir-rigward, ir-rwol fundamentali u l-vantaġġ komparattiv tal-Parlament Ewropew fid-diplomazija tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' relazzjonijiet interparlamentari u l-impenn estensiv tal-Parlament permezz ta' programmi ta' appoġġ għad-demokrazija mal-partijiet terzi; jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jirrikonoxxu lill-Parlament bħala parti integrali ta' "Tim Ewropa" u li dan juruh fl-istrutturi operattivi; jenfasizza li l-kultura saret strument diplomatiku utli u parti fundamentali mis-setgħa ta' perswazzjoni tal-UE; jissottolinja li l-kultura għandha potenzjal kbir biex tippromwovi l-valuri tal-UE;
26. Jistieden lis-SEAE u lill-Kunsill jieħdu passi biex jirrieżaminaw l-kompetenzi u l-mandati tar-Rappreżentanti Speċjali u tal-Mibgħuta Speċjali tal-UE u biex jiżguraw valutazzjoni trasparenti u komprensiva tal-effikaċja u l-valur miżjud ta' dawn il-pożizzjonijiet, kif mitlub mill-Parlament fir-rakkomandazzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2019⁵; iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Kunsill jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjoni tal-Parlament fl-iqsar żmien possibbli;
27. Jilqa' favorevolment l-isforzi tal-Kummissjoni maħsuba biex iqawwu l-kapaċitajiet ta'

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2019 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-kompetenzi u l-mandat tar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE, ĠU C 23, 21.1.2021, p. 146.

prospettiva tal-UE, anki fir-rigward tal-PESK kif illustrat mit-tieni Rapport annwali ta' Prospettiva Strateġika dwar "The EU's capacity and freedom to act" (Il-kapaċità u l-libertà tal-UE li taġixxi); jipproponi li attivitajiet ta' prospettiva interistituzzjonali jsiru fil-livell politiku biex il-prospettiva tiġi integrata fit-tfassil tal-politika u biex it-tnejn tal-UE titjeb fid-dawl tal-isfidi futuri bħall-kriżijiet u l-kunflitti mqanqla mill-klima, u biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħha li ssawwar żviluppi reġjonali u globali;

28. Jenfasizza li d-dimensjoni esterna tal-baġit tal-UE trid tkun iffinanzjata b'mod xieraq u mħejjija biex twieġeb mingħajr dewmien għall-isfidi attwali, emerġenti u futuri; jinsisti li l-baġit għall-azzjoni esterna għandu jiffoka fuq oqsma prijoritarji, kemm mil-lat ġeografiku kif ukoll minn dak tematiku, u fuq oqsma li fihom l-azzjoni tal-UE tista' ġġib l-aktar valur miżjud;

Tikseb is-sovranità Ewropea billi torbot flimkien l-azzjonijiet esterni u interni tal-UE b'mod koerenti, billi tikkombina l-kapaċità li taġixxi b'mod awtonomu jekk ikun meħtieġ marrieda li tiġi segwita solidarjetà strateġika ma' sħab tal-istess fehma

29. Jistieden lill-UE żżid is-sovranità strateġika tagħha f'oqsma speċifiċi li huma fundamentali għall-preminenza kontinwa tal-Unjoni fix-xena internazzjonali, bħall-promozzjoni tal-valuri tal-UE, id-drittijiet fundamentali, il-kummerċ ekwu, l-ekonomija, is-sigurtà u t-teknoloġija, il-ġustizzja soċjali, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, l-enerġija u r-rwol tagħha fl-indirizzar tal-assertività tar-reġimi awtoritarji u totalitarji; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-azzjonijiet esterni u l-politiki interni tal-UE jkunu marbutin b'mod koerenti; itenni l-appell tiegħu għall-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tas-Sigurtà u d-Difiża, li sservi bħala punt tat-tluq għall-implimentazzjoni ta' difiża Ewropea komuni, f'konformità mad-dispożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 42(2) tat-TUE, u li tippermetti lill-UE taġixxi b'mod awtonomu biex tissalvagwardja l-interessi tas-sigurtà tagħha meta jkun meħtieġ u tikkontribwixxi biex l-UE ssir sieħeb strateġiku aktar kapaċi u kredibbli għall-alleanzi tagħha, inklużi n-NATO u l-Istati Uniti; jitlob li l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża tiġi intensifikata u semplifikata, pereżempju dwar kwistjonijiet relatati mat-tagħmir tad-difiża;
30. Jisħaq fuq il-fatt li l-awtonomija tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża tfisser l-iżvilupp, il-koordinament u l-użu rapidu ta' kapaċitajiet strateġiċi affidabbli u interoperabbli meħtieġa għall-ġestjoni effikaċi tal-kriżijiet; il-protezzjoni tal-UE u taċ-ċittadini tagħha; it-taħriġ ta' sħab ewlenin; il-kooperazzjoni effiċjenti, it-teħid ta' deċiżjonijiet u t-tqassimi tax-xogħol, il-kapaċitajiet ta' żvilupp u ta' produzzjoni bejn l-Istati Membri f'solidarjetà sħiħa u fil-livell tal-UE, u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn bħan-NU u n-NATO; u l-kapaċità li tiddeċiedi u taġixxi b'mod awtonomu u indipendenti jekk ikun meħtieġ u f'konformità mal-interessi, il-prinċipji u l-valuri tagħha stess kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-TUE, b'mod partikolari billi tistabbilixxi lilha nnifisha bħala attur globali effettiv, u fir-rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali; jenfasizza li għandha tingħata prijorità lill-bini ta' alleanzi, sħubijiet u arranġamenti multilaterali b'saħħithom u affidabbli u lill-bini ta' solidarjetà strateġika mal-pajjiżi tal-istess fehma; jenfasizza li dan l-approċċ għandu jsaħħaħ aktar il-kooperazzjoni mas-sħab, b'mod partikolari fil-qafas tan-NATO; jinnota li dawn il-kapaċitajiet u l-istrutturi strateġiċi Ewropej imsaħħa għandhom ikunu kompatibbli u komplementari man-NATO; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, il-fatt li l-President tal-Kummissjoni ħabbret li se jsir Summit dwar id-Difiża Ewropea taħt il-Presidenza Franċiża tal-Kunsill; jenfasizza li

l-UE u n-NATO se jippreżentaw, qabel tmiem l-2021, dikjarazzjoni konġunta dwar il-kooperazzjoni; jitlob il-ħolqien ta' "Kapaçità ta' Skjerament Rapidu", kif ippreżentata mill-VP/RGħ, bħala l-ewwel pass lejn l-istabbiliment ta' unitajiet militari multinazzjonali permanenti tal-UE; jisħaq li tali forza tkun teħtieġ li tipprovdi valur miżjud meta mqabbla mal-Gruppi Tattiçi tal-UE, li qatt ma għew skjerati; jistieden, għalhekk, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jivvalutaw u jiżviluppaw għażliet għall-istabbiliment ta' unitajiet militari multinazzjonali permanenti tal-UE ffinanzjati kemm mill-Façilità Ewropea għall-Paçi kif ukoll mill-baġit tal-UE billi jagħmlu użu sħiħ mill-possibiltajiet attwali offruti mit-Trattati tal-UE;

31. Jirrikonoxxi lin-NATO bħala l-pedament kontinwu tas-sigurtà u d-difiża kollettivi Ewropej u jinkoraġġixxi lill-alleati fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku biex jafferaw mill-ġdid l-impenn tagħhom favur in-NATO bħala l-istituzzjoni prinçipali għad-difiża taż-żona Ewro-Atlantika; itenni l-appell tiegħu biex l-alleati jżommu u jissodisfaw ir-rekwiżiti miftiehma dwar il-kondiviżjoni tal-piżijiet, inkluż l-infiq fuq id-difiża bl-oġettiv ta' 2 % tal-PDG, kif miftiehem fis-Summit tan-NATO fi Newport fl-2014;
32. Jistieden lill-Istati Membri jallinjaw il-politika tagħhom dwar l-esportazzjonijiet tal-armi abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diçembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari⁶, u jadottaw applikazzjoni stretta tal-kriterji kollha; itenni l-appell tiegħu lill-VP/RGħ biex jagħti prijorità lill-qasam tan-nonproliferazzjoni, tad-diżarm u tal-kontroll tal-armi, peress li xi reġimi ta' kontroll jiġu kkontestati minn atturi statali malizzjużi u oħrajn fil-bieça l-kbira jiġu injorati, u qed jiġu żviluppanti u użati teknoloġiji ġodda li għandhom il-potenzjal li jiġu kkwalfikati mhux biss bħala distruttivi, iżda bħala rivoluzzjonarji fl-affarijiet militari;
33. Jissottolinja l-bżonn li l-Unjoni tkompli tiżviluppa u ssaħħaħ is-sovranità u l-għarfien espert tagħha f'termini teknoloġiçi, operattivi u diġitali permezz tat-tiħiħ ta' industrija u suq Ewropej tad-difiża b'saħħithom, l-iżvilupp tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea, żieda fir-riçerka u fl-iżvilupp militari konġunti, l-akkwist, it-taħriġ, il-manutenzjoni, approçç komuni għas-sigurtà tal-provvista, u kooperazzjoni aktar ambizzjuża mal-alleati demokratiçi; jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lit-teknoloġiji emerġenti distruttivi, il-miżuri taç-çibersigurtà u d-difiża çibernetika, il-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiçi, u s-sigurtà tal-provvista ta' komponenti teknoloġiçi ewlenin bħall-mikrokondutturi; ifakkar fl-opportunitajiet offruti mill-istrumenti u mill-mekkaniżmi eżistenti bħall-PESCO, il-Fond Ewropew għad-Difiża u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża; jistieden lill-Istati Membri jużaw dawn l-istrumenti u l-mekkaniżmi bis-sħiħ; jilqa' b'sodisfazzjon l-ewwel sejħiet għal proposti għall-Fond Ewropew għad-Difiża li huwa strument essenzjali għat-tiħiħ tas-sigurtà u d-difiża Ewropej kif ukoll għas-sovranità strateġika tal-UE;
34. Huwa kawt fir-rigward tad-dipendenza teknoloġika tal-UE minn fornituri mhux tal-UE, b'mod partikolari minn stati mhux demokratiçi; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Ewropa tiddependi minn strumenti barranin għaç-çibersigurtà tagħha; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jibnu kunsens fl-UE kollha dwar il-ħtieġa li tiġi ppreservata l-indipendenza Ewropea f'diversi oqsma teknoloġiçi ewlenin u biex iressqu approçç

⁶ ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99.

pragmatiku u awtonomu biex jiġu evitati d-dipendenzi u l-koerċizzjoni ġeopolitika f'setturi teknoloġiċi kritiċi; jissottolinja, b'mod partikolari, l-importanza strateġika tal-5G u tal-infrastruttura tal-kejbils sottomarini;

35. Jissottolinja li politika komuni dwar id-difiża ċibernetika u kapaċitajiet sostanzjali tad-difiża ċibernetika huma elementi ewlenin għall-iżvilupp ta' Unjoni Ewropea tas-Sigurtà u d-Difiża Ewropea aktar profonda u msaħħa; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jiġu żviluppati u msaħħa kemm il-kapaċitajiet militari komuni kif ukoll dawk tal-Istati Membri fil-qasam tad-difiża ċibernetika; jissottolinja l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE u l-Istati Membri jikkooperaw fil-livelli kollha biex jibnu strateġija ta-ċibersigurtà; jistieden lis-SEAE jiżgura livelli adegwati ta' ċibersigurtà għar-riżorsi, għall-bini u għall-attivitajiet tiegħu, inklużi s-sede tiegħu u d-delegazzjonijiet tal-UE;
36. Jisħaq fuq il-fatt li s-settur spazjali Ewropew huwa settur li jippermetti li tinkiseb l-awtonomija tal-UE fil-livell globali kif ukoll il-prosperità u as-sigurtà tas-soċjetajiet tagħna; jesprimi tħassib gravi li l-ispazju malajr qiegħed isir arena politika li tirrifletti l-kompetizzjoni ġeopolitika fid-dinja u fruntiera teknoloġika ġdida, u għandu l-potenzjal li malajr jinbidel f'żona militari, jekk ma jiġux stabbiliti l-istrumenti ġuridiċi internazzjonali adegwati; jappoġġa l-inizjattivi li l-għan tagħhom huwa li jagħtu spinta lill-politika spazjali tal-UE, inkluż il-programm spazjali ambizzjuż il-ġdid tal-UE, li jrid ifittex li jipproteġi r-riżorsi spazjali Ewropej attwali u futuri; jinsisti li l-UE għandha tqabbel l-impenji politiċi u finanzjarji mal-ambizzjonijiet tagħha fil-qasam spazjali; jitlob żieda fl-impenn tal-UE għall-iżvilupp ta' regolament internazzjonali komprensiv dwar l-ispazju, sabiex tiġi evitata l-"arsenalizzazzjoni" tal-ispazju; jappoġġa li-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdi lil dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet bi twissijiet bikrija ta' kriżijiet potenzjali u sensibilizzazzjoni dwar is-sitwazzjoni globali;

Tiżviluppa aktar l-istrateġiji reġjonali, anki f'dak li għandu x'jaqsam mal-impenn diplomatiku u ekonomiku u mal-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà

37. Jilqa' pożittivament il-konklużjonijiet tas-Summit tal-Balkani tal-Punent li sar fi Brdo pri Kranju taħt il-Prezidenza Slovena tal-Kunsill; itenni l-appoġġ tiegħu għall-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u jtenni f'dan is-sens l-appell tiegħu għall-aċċelerazzjoni tal-proċess ta' tkabbir u l-għoti ta' perkors ċar għall-pajjiżi li kandidati għall-adeżjoni mal-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżommu fl-aħħar wegħdiethom u jisħaq fuq l-urġenza li minnufih isiru l-ewwel konferenzi intergovernattivi mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq u li tingħata l-liberalizzazzjoni tal-viża lill-Kosovo; jenfasizza li l-proċess ta' tkabbir jibqa' bbażat b'mod sod fuq it-tweqqif tal-kriterji rilevanti kollha mill-pajjiżi kandidati kif iddefinit mill-Kunsill Ewropew b'enfasi qawwija fuq it-tisħiħ tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, u tad-drittijiet tal-bniedem u tal-minoranzi, kif ukoll il-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni u tal-progress ekonomiku fil-Balkani tal-Punent, bħala rekwiżiti preliminari għal paċi, stabbiltà u prosperità dejjiema; jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa fl-indirizzar ta' sfidi komuni; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' eżerċizzju ta' "tagħlimiet meħuda" dwar il-politika tat-tkabbir kif ukoll ta' żieda fil-viżibbiltà u aktar investimenti fir-reġjun biex tingħata spinta lis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u b'hekk lill-kredibbiltà u lill-impenn tal-UE; jitlob l-impenn tal-UE fil-konfront tal-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent biex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi li jimpedixxu aktar riformi, inkluża l-implimentazzjoni tal-14-il-prijorità ewlenija fil-Bożnija-Herzegovina li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-

- Ftehim ta' Paċi ta' Dayton; jissottolinja l-importanza tal-integrazzjoni Ewropea ta' dawn l-istati sħab għall-istabbiltà u għas-sigurtà tal-kontinent kollu kemm hu; jitlob l-appoġġ tal-UE għas-soċjetà ċivili fil-Balkani tal-Punent fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-valuri Ewropej; ifaħħar il-ħidma tal-Operazzjoni Althea tal-EUFOR, li tikkontribwixxi għall-paċi, l-istabbilizzazzjoni u l-integrazzjoni Ewropea tal-Bożnija-Herzegovina; itenni l-fatt li din il-missjoni għadha tiżvolġi rwol ċentrali għas-sigurtà u għall-istabbiltà tal-Bożnija-Herzegovina u tar-reġjun; jenfasizza, fid-dawl ta' tkabbir futur possibbli, il-ħtieġa ta' teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti fil-livell tal-UE;
38. Jissottolinja li l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni 2021-2027 (IPA III), adottat dan l-aħħar, għandu jsostni investimenti fit-tul fil-ġejjieni Ewropew tar-reġjun u li l-kundizzjonalità mtejba tal-istrument għandha tintuża b'mod effikaċi biex jinkisbu riżultati konkreti; jilqa' pożittivament kundizzjonalità aktar b'saħħitha relatata mad-demokrazija, mad-drittijiet tal-bniedem u mal-istat tad-dritt skont l-IPA III modernizzat; jilqa' favorevolment il-pjan ekonomiku u ta' investiment għall-Balkani tal-Punent u jitlob l-implimentazzjoni immedjata tiegħu biex jiġi ffaċilitat l-irkupru fit-tul u t-tkabbir ekonomiku taż-żona u l-konnettività sostenibbli tagħha, u b'hekk il-Balkani tal-Punent jinġiebu eqreb lejn is-suq uniku tal-UE;
39. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tiegħu favur il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (SL), u b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza, tas-sovranià u tal-integrità territorjali tagħhom fil-konfini tagħhom rikonnoxxuti fuq livell internazzjonali kif ukoll tar-rispett tar-rieda tal-poplu; jitlob l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Georgia, mal-Moldova u mal-Ukrajna u tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ mal-Armenja; jissottolinja l-ħtieġa li jitkomplew in-negozjati dwar il-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-UE u l-Ażerbajġan; iħeġġeġ lill-pajjiżi tas-SL, u b'mod partikolari lil dawk li għażlu li jimxu fit-triq lejn id-demokrazija u l-integrazzjoni Ewropea, jiżguraw li l-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt jiġu rrispettati u jkomplu jimplimentaw ir-riformi soċjali, ekonomiċi u politiċi meħtieġa; jilqa' pożittivament il-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Il-politika tas-Sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020 – It-Tisħiħ tar-Reżiljenza – Sħubija tal-Lvant li tikseb riżultati għal kulħadd" (JOIN(2020)0007); itenni li l-appoġġ tal-UE għal aktar integrazzjoni huwa subordinat għall-progress konkret f'dawk ir-riformi; jappoġġa l-prinċipju tal-kundizzjonalità u tad-differenzjazzjoni tal-UE, inklużi l-inċentivi; jisħaq li s-suċċess tal-pajjiżi tas-SL jista' jintwera u jiġi kkonsolidat biss permezz tal-proċess ta' integrazzjoni tal-UE, u jista' juri wkoll lill-poplu Russu liema tip ta' benefiċċji soċjoekonomiċi jistgħu jgħibu riformi tat-tip Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jużaw is-Summit tas-SL li jmiss biex jibagħtu messaġġ qawwi ta' appoġġ lis-sħab tagħna; jistieden lill-mexxejja tal-UE jiżguraw li l-ħames għanijiet fit-tul u l-10 objettivi l-ġodda għall-2025, b'finanzjament mogħti skont il-pjan ekonomiku u ta' investiment propost f'Ġunju 2021, se jagħtu kontribut reali għall-irkupru soċjali u ekonomiku mill-pandemija tal-COVID-19, isaħħu r-rabtiet ekonomiċi u jistabbilixxu rotot kummerċjali bejn l-UE u l-pajjiżi sħab;
40. Jikkundanna l-involviment dirett u indirett tar-Russja u ta' atturi esterni oħrajn fil-kunflitti armati kif ukoll f'attakki ibridi, fl-okkupazzjonijiet u fit-tisħiħ tal-forzi militari fir-reġjun jew fil-fruntieri tagħha mar-reġjun; jissottolinja li t-theddida kontinwa fil-prossimità tagħna tirrikjedi l-preżenza fiżika kemm tal-UE kif ukoll tan-NATO fir-reġjun; jappoġġa t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi tas-SL fil-qasam tas-

sigurtà u d-difiża, b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni tar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti reġjonali, l-indirizzar tat-theddid ibridu, l-attakki ċibernetiċi, id-diżinformazzjoni u l-kampanji ta' propaganda, il-waqfien tal-indhila minn partijiet terzi fil-proċessi demokratiċi u ż-żieda tar-reżiljenza soċjetali; jirrikonoxxi l-konverġenza tattliet sħab assoċjati mal-PESK u jappoġġa l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-PSDK, inkluża l-parteċipazzjoni fil-PESCO jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet;

41. Huwa mħasseb sew bis-sitwazzjoni fil-Belarużja; jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-atti ta' vjolenza kontra d-dimostranti paċifiċi u jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjoni u t-tneħħija tal-akkużi kollha fil-konfront tal-priġunieri politiċi kollha, qabel u wara l-hekk imsejja elezzjoni presidenzjali tad-9 ta' Awwissu 2020; itenni n-nonrikonoxximent tiegħu ta' Aliaksandr Lukashenka bħala president tal-Belarużja; jistieden lill-Kunsill jimplimenta mingħajr dewmien, u f'koordinament mill-qrib mas-sħab internazzjonali, l-aktar sanzjonijiet stretti u l-aktar wiesgħa possibbli kontra l-awturi Belarużi kollha ta' frodi elettorali, vjolenza u repressjoni fil-Belarużja u kontra individwi u entitajiet li jorganizzaw jew li jikkontribwixxu għal attivitajiet li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-UE; jistieden lill-Kunsill ikompli jsegwi koordinament internazzjonali mmirat lejn l-iżolament imsaħħaħ tad-dittatur u tar-reġim tiegħu; jikkundanna bil-qawwa l-attakki ibridi tar-reġim ta' Lukashenka kontra l-UE, inkluż l-użu tal-migranti irregolari fil-fruntieri esterni tal-UE u l-istrumentalizzazzjoni tal-bnedmin għal skopijiet politiċi, bi ksur tan-normi internazzjonali; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirreaġixxu malajr għat-theddid emerġenti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali u biex tadatta l-politiki tal-PESK u l-migrazzjoni u l-ażil tagħha għall-isfidi l-ġodda; juri solidarjetà mal-Istati Membri li qed jiffaċċjaw tali theddid; jisħaq fuq l-appoġġ sod tiegħu għall-Belarużja demokratika u jenfasizza l-importanza ta' aktar involviment mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili Belaruża u tal-oppożizzjoni demokratika; jenfasizza l-importanza tal-pjattaforma tal-Parlament fil-ġlieda kontra l-impunità fil-Belarużja u jħeġġeġ l-użu tal-mezzi legali kollha disponibbli biex Lukashenka u l-membri tar-reġim tiegħu jitressqu quddiem il-ġustizzja;
42. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' żieda fl-impenn tal-UE u tal-Istati Membri fil-Kawkasu tan-Nofsinhar għall-istabbiltà u għall-prosperità tar-reġjun kif ukoll biex jiġu miġġielda l-inflwenza u l-indhila tas-setgħat reġjonali; jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-President tal-Kunsill Ewropew biex itaffi l-kriżi politika fil-Georgia; iqisu bħala att ta' tmexxija tal-UE u jitlob approċċ simili għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kunflitt fir-reġjun tas-SL u lil hinn minnu; isostni l-integrità territorjali tal-Georgia u jikkundanna l-okkupazzjoni Russa tat-territorji tal-Georgia, inklużi l-Abkażja u r-Reġjun ta' Tskhinvali / l-Ossezja tan-Nofsinhar; ifakkar lir-Rużja fl-obbligi internazzjonali tagħha skont il-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tal-2008 medjat mill-UE taħt il-Presidenza Franċiża; jistieden lir-Rużja taġixxi b'mod kostruttiv u tippermetti progress fid-Diskussjonijiet Internazzjonali ta' Ġinevra; jistieden lir-Rużja tieqaf tikser id-drittijiet tal-bniedem fit-territorji okkupati tal-Georgia u jfakkar lill-Federazzjoni Russa fl-obbligu ġuridiċi tagħha bħala s-setgħa li teżerċita l-"kontroll effettiv", kif innotat fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ tal-*Il-Georgia vs ir-Rużja (II)*⁷; jikkundanna l-provokazzjonijiet mill-forzi ta' okkupazzjoni, inkluż il-ħtif ta' ċittadini tal-Georgia, il-qtil, id-detenzjonijiet illegali u l-frunterizzazzjoni persistenti; jistieden lill-UE, lill-Istati

⁷ Is-Sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-21 ta' Jannar 2021, *Il-Georgia vs ir-Rużja (II)*.

Membri tagħha u lill-VP/RGħ jimpenjaw ruħhom b'mod attiv biex tinstab soluzzjoni dejjiema bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan dwar in-Nagorno-Karabakh u biex jipprevjenu eskalazzjoni ulterjuri tat-tensjonijiet fir-reġjun, b'mod partikolari billi jagħmlu pressjoni fuq l-Ażerbajġan u l-Armenja biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' wara l-gwerra, inklużi d-demarkazzjoni tal-fruntieri u l-ħelsien tal-priġunieri tal-gwerra kollha li fadal; jinnota li l-Grupp ta' Minsk tal-OSKE jibqa' l-uniku format rikonoxxut fil-livell internazzjonali għar-riżoluzzjoni ta' dan il-kunflitt, abbażi tal-prinċipji tal-integrità territorjali, in-nonużu tal-forza, l-awtodeterminazzjoni u d-drittijiet ugwali, u r-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti; jitlob ir-ritorn rapidu tiegħu għar-rwol ta' medjazzjoni tiegħu;

43. Itenni l-kundanna tiegħu tal-politiki aggressivi tar-Russja fir-rigward tal-Ukrajna, b'mod partikolari l-appoġġ finanzjarju u militari kontinwu għall-formazzjonijiet armati fid-Donbas, l-okkupazzjoni illegali tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol, l-imblokk tal-Baħar ta' Azov u t-tisħiħ tal-forzi militari fil-fruntiera tal-Ukrajna tal-Lvant u fuq il-peniżola tal-Krimea; jilqa' pożittivament l-istabbiliment tal-Pjattaforma Internazzjonali tal-Krimea u jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lis-sħab kollha tal-istess fehma jimpenjaw ruħhom b'mod attiv f'din l-inizjattiva mmirata lejn ir-ripristinju tal-integrità territorjali tal-Ukrajna; itenni l-appoġġ tiegħu għall-Mejlis tal-Poplu tat-Tatari tal-Krimea bħala l-uniku organu rappreżentattiv rikonoxxut fil-livell internazzjonali tat-Tatari tal-Krimea u jfaħħar il-pożizzjoni indomabbli taċ-ċittadini tal-Ukrajna fil-Krimea okkupata, b'mod partikolari t-Tatari tal-Krimea; jitlob li tingħata spinta ġdida lill-Proċess ta' Minsk biex jintemm il-kunflitt militari fl-Ukrajna tal-Lvant; jappoġġa l-assistenza kontinwa lill-Ukrajna fir-riformi tas-settur tas-sigurtà u dak militari tagħha, u qed jikkunsidra li jipprovdi taħriġ militari lill-uffiċjali tal-Ukrajna; jirrikonoxxi l-ewwel laqgħa tad-Djalogu Ċibernetiku bejn l-UE u l-Ukrajna; jilqa' b'sodisfazzjon id-diskussjoni dwar Missjoni ta' Konsulenza u Taħriġ Militari tal-UE fl-Ukrajna u jesprimi l-appoġġ tiegħu;
44. Jilqa' pożittivament il-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tal-VP/RGħ tad-9 ta' Frar 2021 dwar is-sħubija mġedda mal-viċinat tan-Nofsinhar⁸ u jappoġġa l-prinċipji tal-paċi, stabbiltà, prosperità u dawk demokratiċi fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-inizjattivi deskritti f'din il-komunikazzjoni konġunta; jesprimi dispaċir għall-fatt li, 25 sena wara t-tnedija tal-Proċess ta' Barċellona, il-bini ta' spazju komuni ta' prosperità, stabbiltà u libertà mal-pajjiżi Mediterranji tal-Viċinat tan-Nofsinhar għadu ma tlestiex; itenni, madankollu, l-appell tiegħu għal rieżami kuraġġuż tal-politika Ewropea tal-viċinat kollha fir-rigward tal-finanzjament u tal-għajnuna għad-dispożizzjoni tal-pajjiżi barranin ġirien tal-UE biex jiġi żgurat li s-sħab tal-viċinat jagħmlu progress f'dawk li huma riformi u jimpenjaw ruħhom favur djalogu u kooperazzjoni mill-qrib mal-UE, filwaqt li jiggerantixxu politiki mfasslin apposta;
45. Ifakkar fl-impenn tal-UE fir-rigward tal-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u l-konklużjoni ta' ftehim bejn iż-żewġ partijiet, inkluż dwar il-kwistjonijiet rigward qbil dwar l-istatus definittiv, billi tiffoka, b'mod partikolari, fuq il-ħtieġa li jinżammu l-kundizzjonijiet fil-prattika għal soluzzjoni paċifika msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ stati, ibbażata fuq il-fruntieri tal-1967, b'Ġerusalemm kapitali taż-żewġ Stati, bi Stat ta' Iżrael sigur u Stat Palestinjan indipendenti, demokratiku, kontigwu u sostenibbli, li

⁸ JOIN(2021)0002.

jgħixu flimkien fil-paċi u s-sigurtà, abbażi tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni u tar-rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali; jitlob, f'dan l-ispiritu, li jitkomplew l-isforzi ġenwini ta' paċi mmirati lejn il-ksib ta' riżultati tanġibbli bejn iż-żewġ naħat bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali; jitlob lill-UE żżid l-impenn tagħha biex terġa' tagħti haġja lill-proċess ta' paċi bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani, anki permezz ta' miżuri tal-bini tal-fiduċja, djalogu reġjonali u kooperazzjoni trans-Atlantika akbar fir-reġjun kif ukoll billi tagħmel użu aħjar mill-influwenza tagħha lejn iż-żewġ partijiet;

46. Jitlob it-tmiem tal-azzjonijiet li jistgħu jimminaw il-fattibbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati fil-prattika, bħall-bini ta' insedjamenti ta' Iżrael u t-twaqqiġ ta' djar u infrastruttura Palestinjani fix-Xatt tal-Punent okkupat, inkluż f'Ġerusalem tal-Lvant; jitlob soluzzjoni politika biex jintemm l-imblokk tal-kriżi umanitarja fl-Istrixxa ta' Gaża u biex dan jittaffa, inklużi l-garanziji ta' sigurtà meħtieġa biex tiġi evitata l-vjolenza kontra Iżrael; jikkundanna bil-qawwa t-terroriżmu; jenfasizza l-importanza tal-elezzjonijiet Palestinjani għar-ripristinu tal-leġittimità demokratika ta' appoġġ popolari għall-istituzzjonijiet politiċi fil-Palestina;
47. Jenfasizza l-anniversarju ta' sena mill-Ftehimiet ta' Abram u jisħaq fuq l-importanza tagħhom għall-paċi, l-istabbiltà u l-kooperazzjoni fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jappoġġaw in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn Iżrael u l-Istati Għarab permezz tal-implimentazzjoni u l-estensjoni tal-Ftehimiet ta' Abram bħala kontribut importanti biex tinkiseb paċi dejjiema fil-Lvant Nofsani; jirrikonoxxi r-rwol importanti li kellhom l-Istati Uniti;
48. Jesprimi tħassib gravi għas-sitwazzjoni fil-Libanu u jħeġġeġ bil-qawwa lill-Gvern Libaniż jopera b'mod kredibbli, responsabbli u orjentat lejn il-missjoni, li jkun ħieles minn indħil barrani; jisħaq fuq ir-responsabbiltà partikolari ta' Hezbollah u ta' fazzjonijiet oħrajn fir-repressjoni tal-moviment popolari Libaniż fl-2019 u fil-kriżi politika u ekonomika tal-Libanu; jistieden lill-Iran jastjeni milli jindaħal fl-affarijiet interni tal-Libanu u jitlob li s-sovranià u l-indipendenza politika tal-Libanu jiġu rrispettati; jikkundanna bil-qawwa l-isparar ta' rokits minn Hezbollah min-Nofsinhar tal-Libanu lejn żoni ċivili f'Iżrael; jirrifjuta kwalunkwe rwol għall-President Bashar al-Assad fis-Sirja ta' wara l-kunflitt b'referenza għar-riżoluzzjoni 2254 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jilqa' b'sodisfazzjon u jappoġġa l-inkjesti kriminali mmirati lejn al-Assad u l-assoċjati tiegħu rigward l-użu ta' armi kimiċi u jżommhom responsabbli għal bosta delitti tal-gwerra; jirrakkomanda li l-Istati Membri jespandu l-lista ta' daww soġġetti għal sanzjonijiet immirati biex tinkludi uffiċjali ċivili u militari fir-reġim ta' Assad li huma implikati b'mod kredibbli f'delitti tal-gwerra, f'delitti kontra l-umanità u fi ksur gravi ieħor; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-impunità, b'kapitolu speċifiku dwar is-Sirja; jisħaq li dan il-pjan ta' azzjoni għandu jfittex koordinament u armonizzazzjoni aħjar fir-riżorsi u fl-isforzi tal-Istati Membri biex il-kriminali tal-gwerra jitressqu quddiem il-ġustizzja fl-UE;
49. Jinsab imħasseb haġna dwar il-politika estera dejjem aktar assertiva tal-Gvern Tork, li mhux darba jew tnejn qiegħdet lill-pajjiż f'tilwima mal-UE kollha kemm hi, mal-Istati Membri individwali tagħha u ma' pajjiżi ġirien; jinnota li skont ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2021 dwar it-Turkija tad-19 ta' Ottubru 2021⁹, it-Turkija żammet rata

⁹ SWD(2021)0290.

ta' allinjament tal-PESK baxxa ħafna ta' madwar 14 % f'Awwissu 2021; ifakkar fis-sitwazzjoni li ilha sejra għall-aġġar f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-bniedem u mad-demokrazija fit-Turkija; jinnota li l-finanzjament tal-UE lit-Turkija se jkun soġġett għal regoli marbuta mal-kundizzjonalità, inkluż ir-rispett tal-prinċipji tal-Karta tan-NU, tad-dritt internazzjonali u tal-valuri u tal-prinċipji Ewropej; jitlob li jissokta d-djalogu diplomatiku biex jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli għat-tilwim fil-Lvant tal-Mediterran; jirrikonoxxi li t-Turkija se tkompli tkun pajjiż ta' interess strateġiku fundamentali għall-UE u li l-impenn jeħtieġ li jiġi intensifikat f'oqsma ta' interess komuni, b'enfasi speċjali fuq ċerti oqsma ta' politika bħat-tibdil fil-klima, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-migrazzjoni, is-sigurtà u l-ekonomija; jilqa' pożittivament, f'dan ir-rigward, id-djalogu ta' livell għoli reċenti u li sar għall-ewwel darba dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà; jikkonkludi li bħalissa, il-prospettiva li t-Turkija ssir Stat Membru tal-UE mhux realistiku; jinsisti b'konvinzjoni, għalhekk, li, jekk it-tendenza negattiva attwali ma titreġġax lura b'mod urġenti u konsistenti, f'konformità mal-qafas ta' negozjar minn Ottubru 2005, il-Kummissjoni għandha tirrakkomanda s-sospensjoni formali tan-negozjati ta' adeżjoni mat-Turkija, sabiex iż-żewġ naħat jirrieżaminaw b'mod realistiku u permezz ta' djalogu strutturat u ta' livell għoli, l-adegwatezza tal-qafas attwali u l-kapaċità tiegħu li jiffunzjona u biex jiġu esplorati mudelli komprensivi ġodda u alternattivi possibbli għar-relazzjonijiet futuri; ifakkar fil-fatt li l-UE hija lesta li tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inklużi sanzjonijiet, biex tiddefendi l-interessi tagħha u dawk tal-Istati Membri tagħha kif ukoll biex tħares l-istabbiltà reġjonali;

50. Jissottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, inkluż tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq kif ukoll tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tal-Protokoll għaż-żamma tal-paċi u tal-istabbiltà, u għall-integrità u għall-funzjonament xieraq tas-suq uniku Ewropew; jilqa' favorevolment il-passi lejn l-istabbiliment ta' Assemblea Parlamentari ta' Sħubija għall-Membri tal-Parlament Ewropew u għall-Membri tal-Parlament tar-Renju Unit, kif previst fil-ftehim; jibqa' miftuħ għal aktar żvilupp u tiżiħ tal-qafas ta' kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, li jista' jwassal għal ftehim dwar il-politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża u l-kwistjonijiet ta' tħassib komuni; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u r-Renju Unit fil-fora internazzjonali, b'mod partikolari n-NU, filwaqt li jitqiesu l-bosta valuri u interessi kondiviżi u l-prossimità ġeografika;
51. Jissottolinja l-bżonn li tissaħħaħ il-kooperazzjoni trans-Atlantika bejn l-UE u l-Istati Uniti fuq il-bażi ta' sħubija bejn partijiet ugwali, ibbażata fuq valuri u objettivi kondiviżi u fuq il-prinċipju ta' sħubija fit-tmexxija u r-responsabbiltà, filwaqt li jiġu rrispettati l-awtonomija, l-interessi u l-aspirazzjonijiet tal-parti l-oħra; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest, id-dikjarazzjoni "Towards a renewed Transatlantic partnership" (Lejn sħubija Trans-Atlantika mġedda) tas-summit bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-2021, li sservi ta' bażi tajba għal aġġenda trans-Atlantika ambizzjuża; isostni b'mod sħiħ u jimpenja ruħu li jsegwi sinerġiji u objettivi komuni fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà billi jkompli jappfondixxi l-kooperazzjoni fil-qafas tad-djalogu trans-Atlantiku bejn l-UE u l-Istati Uniti biex jindirizza bosta mill-isfidi globali ewlenin bħat-tibdil fil-klima u t-theddida kkawżata minn reġimi awtoritarji u totalitarji; jilqa' b'sodisfazzjon il-varar tal-Kunsill Trans-Atlantiku tal-Kummerċ u t-Teknoloġija; jirrakkomanda li s-summits bejn l-UE u l-Istati Uniti jsiru fuq bażi regolari sabiex jagħtu spinta sostnuta fl-oġġla livell għal

kooperazzjoni trans-Atlantika essenzjali; itenni l-appoġġ tiegħu għall-istabbiliment ta' Kunsill Politiku Trans-Atlantiku, immexxi mill-kapijiet tal-politika estera taż-żewġ partijiet; jissottolinja li relazzjoni trans-Atlantika b'saħħitha tirrikjedi wkoll li l-UE tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tagħha li taġixxi; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tadatta malajr għar-rwol li qed jinbidel tal-Istati Uniti fix-xena globali sabiex tissalvagwardja l-interessi essenzjali tagħha u ssegwi l-għanijiet tal-politika estera tagħha; jissottolinja li l-UE u l-Istati Uniti jeħtiġilhom jikkoordinaw l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni u jiżguraw li l-isforzi li jsiru jkunu appoġġati mir-riżorsi meħtieġa; jitlob lill-UE u lill-Istati Uniti jindirizzaw b'mod kollaborattiv it-theddid konsistenti u li qed jikber għall-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-wirt kulturali, b'mod partikolari fiż-żoni ta' kunflitt;

52. Jenfasizza li r-relazzjonijiet tal-UE mal-Afrika huma ta' importanza kbira sabiex iwieġbu l-ħtiġijiet u biex jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-pajjiżi sħab kif ukoll biex jiġu segwiti l-interessi kondiviżi; jissottolinja li din ir-relazzjoni mal-kontinent ġar tal-UE għandha tirrifletti destin komuni u għandha tiffoka fuq il-ħolqien ta' perspettiva kredibbli, b'mod partikolari għall-ġenerazzjonijiet l-aktar ġodda; jilqa' pożittivament il-komunikazzjoni konġunta tad-9 ta' Marzu 2020 tal-Kummissjoni u tal-VP/RGħ intitolata "Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika"¹⁰, u jtenni l-appell tiegħu li mmorru lil hinn mir-relazzjoni bejn id-donatur u d-destinatarju u li niffavorixxu sħubija vera, bliżvilupp tal-bniedem u bil-protezzjoni tar-riżorsi naturali fil-qalba tagħha; jinsisti fuq il-bżonn, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni u l-VP/RGħ jiġu mistiedna jidħlu aktar fil-fond fid-diskussjonijiet mas-sħab Afrikani tal-UE – kemm mal-pajjiżi individwali kif ukoll mal-organizzazzjonijiet reġjonali, bħall-Mekkaniżmu Ekonomiku Reġjonali u l-Komunitajiet Ekonomiċi Reġjonali li jiffurmaw l-Unjoni Afrikana (UA); jisħaq fuq l-importanza li l-UA u l-komponenti reġjonali tagħha jiġu appoġġati fl-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu arkitettura ta' sigurtà effikaċi għall-prevenzjoni tal-kunflitti u għall-ġestjoni tal-kunflitti permezz ta', fost affarijiet oħrajn, appoġġ komprensiv għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Forza Afrikana ta' Intervent fil-Pront u l-komponenti reġjonali tagħha; jitlob l-implimentazzjoni stretta tal-SDGs fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika; jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Wara Cotonou f'April 2021 u t-tisħiħ tar-rabtiet tal-UE mal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u ż-żieda fil-kooperazzjoni fil-fora multilaterali dwar l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-azzjoni dwar il-klima; jesprimi tħassib dwar id-dewmien biex isir progress fl-iffirmar tal-Ftehim ta' Wara Cotonou; jieħu nota tal-ftehimiet ta' riammissjoni mal-pajjiżi Afrikani;
53. Huwa mħasseb serjament dwar in-nuqqas ta' sigurtà li dejjem qed tikber fir-reġjun tas-Saħel li taffettwa s-sigurtà u l-kundizzjonijiet tal-ħajja ta' numru enormi ta' ċivili u l-għadd li qiegħed jiżdied b'mod drammatiku ta' attacki minn militanti Iżlamisti li qed ikollhom impatt serju fuq l-istabbiltà fir-reġjun, b'mod partikolari għall-Mali u l-Burkina Faso; jappella lill-UE u lill-G5 tas-Saħel jieħdu passi biex jevitaw kollass fis-sigurtà fir-reġjun usa'; jilqa' pożittivament, f'dan ir-rigward, is-sħubija mġedda bejn in-NATO u l-Mauritania, li hija l-alleat reġjonali ewlieni tal-UE u li l-forzi tagħha jinsabu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fir-reġjun; jikkundanna l-preżenza fl-Afrika ta' kumpaniji militari u ta' sigurtà privati, b'mod partikolari l-Grupp Wagner li kkommetta ksur mifruq tad-drittijiet tal-bniedem filwaqt li aġixxa b'appoġġ għall-

¹⁰ JOIN(2020)0004.

interessi ta' Stati mhux demokratiċi; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-istrateġija UE-Afrika tiġi aġġornata permezz ta' approċċ integrat li jista' jiżgura s-sigurtà u l-iżvilupp sabiex tinkiseb l-istabbiltà fis-sitwazzjoni inkwetanti fis-Sahel, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi osservati fl-2021 u minħabba l-instabbiltà dejjem akbar li hemm u l-impatt ewlieni li għandhom l-avvenimenti fir-reġjun mhux biss għall-Afrika, iżda wkoll għall-UE u l-Istati Membri tagħha; jenfasizza, fid-dawl ta' dan, il-ħtieġa li jkun hemm kollaborazzjoni dwar strateġija fl-oqsma tad-difiża, tal-iżvilupp u tal-bini tal-paċi biex tiġi miġġielda ż-żieda għadista fir-reġjun tas-Sahel u f'partijiet oħrajn tal-Afrika;

54. Jinsab imħasseb bil-kbir bl-iżviluppi fir-Russja u jtenni l-interess tal-UE biex jinżammu l-libertà, l-istabbiltà u l-paċi fil-kontinent Ewropew u lil hinn minnu; jemmen li l-UE għandha tikkoopera u tikkoordina mill-qrib man-NATO u ma' sħab oħrajn biex tiskoraġġixxi lir-Russja milli twettaq azzjonijiet destabbilizzanti u sovversivi fl-Ewropa, b'mod partikolari fl-Istati Baltiċi u fl-Ewropa tal-Lvant, inkluż permezz ta' ndħil elettorali, kampanji ta' diżinformazzjoni u appoġġ għall-partiti tal-lemin estrem; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-konsegwenzi li jkollhom iħallsu l-awtoritajiet Russi għar-repressjoni taċ-ċittadini tagħhom stess; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-forzi militari Russi għadhom jokkupaw partijiet mill-Ukrajna u mill-Georgia bi ksur tad-dritt internazzjonali, li għadhom preżenti fir-Repubblika tal-Moldova, u li r-Russja tkompli tiddestabilizza l-paċi u s-sigurtà fir-reġjun u tuża b'mod attiv miżuri ibridi kontra d-demokrazzi fl-Ewropa; jinsab allarmat bl-indħil Russu fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent, li jsir permezz ta' tattiki ibridi li jinkludu kampanji ta' diżinformazzjoni maħsubin biex jimminaw ir-rwol u l-impenn tal-UE għall-futur Ewropew tal-pajjiżi individwali; jisħaq fuq il-ħtieġa li nitkellmu b'vuċi waħda rigward il-politika tal-UE f'dak il-kuntest, inkluż dwar l-infurzar tas-sanzjonijiet; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tikkoordina aktar mill-qrib l-istrateġija tagħha dwar ir-Russja mal-Istati Membri sabiex l-UE tippreżenta front magħqud quddiem it-theddid Russu; jissottolinja li l-Parlament irrakkomanda li l-UE tirrieżamina, flimkien mal-Istati Membri, il-politika tal-UE fir-rigward tar-Russja, u tiżviluppa strateġija komprensiva tal-UE għaliha; iħeġġeġ lill-UE tiżviluppa strateġija dwar ir-relazzjonijiet futuri tal-UE ma' Russja demokratika, li turi b'mod ċar lill-poplu tar-Russja l-vantaġġi li tali relazzjonijiet jistgħu jgħibu magħhom; jissottolinja li ma jista' jkun hemm l-ebda bidla sostanzjali fir-relazzjonijiet mar-Russja sakemm din issegwi politiki aggressivi fil-konfront tal-UE u tal-ġirien tagħha; itenni li l-UE trid tagħmilha ċara li jekk ir-Russja tkompli l-politika attwali tagħha dwar il-Belarusja, l-UE se jkollha tintroduċi miżuri addizzjonali ta' trażżin u deterrenza fuq ir-Russja; jesprimi tħassib dwar il-ksur ripetut min-naħa tar-Russja tal-ftehimiet u l-istandards dwar il-kontroll tal-armi, li wasslu għall-kollass tat-Trattat dwar il-Forzi Nukleari ta' Medda Intermedja, kif ukoll il-ksur tar-Russja tal-konvenzjoni dwar l-armi kimiċi, bl-użu ta' aġenti nervini ta' tip militari, kemm fit-territorju tagħha stess kif ukoll fit-territorju tal-UE; jissottolinja l-ħtieġa li tkun eżerċitata pressjoni fuq il-Federazzjoni Russa biex tikkonforma mad-dritt u mat-trattati internazzjonali; jiddeplora l-użu tar-riżorsi tal-enerġija mir-Russja bħala strument ġeopolitika ta' pressjoni, b'mod partikolari l-provvista tagħha ta' gass lill-Istati Membri permezz tal-Ukrajna, u jitlob li d-dipendenza enerġetika mir-Russja tiġi minimizzata billi tiġi mħeġġa d-diversifikazzjoni tas-sorsi u tar-rotot tal-enerġija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu s-sigurtà tal-enerġija Ewropea, speċjalment fid-dawl taż-żieda attwali fil-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku; iħeġġeġ lill-UE timpenja ruħha aktar mill-qrib mal-poplu Russu, anki billi tiżviluppa objettiv ta' "impenn" definit b'mod ċar, li għandu jkun iċċentrat mhux biss fuq l-impenn selettiv tradizzjonali mal-Kremlin, iżda wkoll fuq impenn "strateġiku" u

aktar dinamiku mal-oppożizzjoni Russa u mas-soċjetà ċivili;

55. Jisħaq li l-Artiku għandu importanza strateġika u ġeopolitika għall-UE u jissottolinja l-impenn tal-UE li tkun attur responsabbli, li jimmira lejn l-iżvilupp sostenibbli u paċifiku fit-tul tar-reġjun; jenfasizza l-kumplessità unika tal-isfidi li għandu quddiemu r-reġjun Artiku, li jirrikjedu aktar soluzzjonijiet u impenn min-naħa tal-UE, filwaqt li jitqiesu wkoll l-għarfien u r-rieda tal-abitanti tal-Artiku, inklużi l-popli indiġeni; jilqa' pożittivament, f'dan ir-rigward, il-komunikazzjoni konġunta tat-13 ta' Ottubru 2021 tal-Kummissjoni u tal-VP/RGħ intitolata "Impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu"¹¹; jistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha jirreaġixxu għall-effetti u għall-konsegwenzi tasew allarmanti tat-tibdil fil-klima fl-Artiku; jenfasizza li l-prospettiva tal-militarizzazzjoni tal-Artiku ġġib magħha riskji sostanzjali ta' sigurtà fir-reġjun u lil hinn minnu u huwa mħasseb dwar il-konsegwenzi potenzjali tal-kwistjonijiet ta' sigurtà globali fl-Artiku u dwar it-tisħiħ tal-forzi militari Russi progressiv u sostanzjali fl-Artiku kif ukoll l-impatt ta' inizjattivi u ambizzjonijiet estensivi ta' żvilupp u infrastruttura Ċiniżi fir-reġjun; josserva li l-Artiku jiżvolġi rwol kruċjali fis-sigurtà tal-Ewropa kollha kemm hi; jisħaq li l-UE jeħtiġilha jkollha viżjoni ċara tar-rwol tagħha fi kwistjonijiet ta' sigurtà fl-Artiku flimkien ma' kooperazzjoni tajba man-NATO; jenfasizza l-importanza li jiġu rrispettati l-liġijiet u l-ftehimiet internazzjonali biex l-Artiku jinżamm żona ta' tensjoni baxxa; jitlob li tingħata attenzjoni aktar mill-qrib lill-ewwel kejbil fibrottiku tal-Artiku, bħala parti mis-sistema ċentrali tal-internet, li qed issir dejjem aktar is-suġġett ta' operazzjonijiet ta' intelligence internazzjonali; iħeġġeġ lill-membri tal-Kunsill tal-Artiku jindirizzaw il-militarizzazzjoni miżjuda u jfittxu pjattaformi biex jindirizzaw dan b'mod adegwat kemm mal-membri kif ukoll ma' dawk li mhumiex membri tal-Kunsill tal-Artiku; huwa favur iż-żieda fl-isforzi tal-UE biex tikseb status ta' osservatur fil-Kunsill tal-Artiku għal influwenza ġeopolitika aktar b'saħħitha;
56. Jenfasizza li ċ-Ċina hija sieħeb ta' kooperazzjoni u negozjar għall-UE, iżda hija wkoll kompetitur f'għadd dejjem akbar ta' oqsma, u rivali sistemiku; itenni, kif sottolinjat fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar strateġija ġdida bejn l-UE u ċ-Ċina¹², l-appell tiegħu lill-UE biex tiżviluppa strateġija UE-Ċina aktar assertiva, komprensiva u konsistenti li tgħaqqad lill-Istati Membri kollha u tiffirma relazzjonijiet ma' Ċina dejjem aktar assertiva u intervenzjonista fl-interess tal-UE kollha kemm hi; jenfasizza li din l-istrateġija għandha tippromwovi ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli, ikollha d-difiża tal-valuri u l-interessi tal-UE fil-qalba tagħha u għandha tissejjes fuq it-tliet prinċipji tal-kooperazzjoni fejn possibbli, tal-kompetizzjoni fejn meħtieġa u tal-konfront fejn neċessarju; jitlob kooperazzjoni akbar bejn il-pajjiżi demokratiċi biex jiġu indirizzati l-assertività u r-repressività dejjem akbar tal-Partit Komunista Ċiniż;
57. Jirrakkomanda ħafna l-parteċipazzjoni sinifikattiva tat-Tajwan, bħala osservatur, fil-laqgħat, fil-mekkaniżmi u fl-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u għal kooperazzjoni aktar profonda bejn l-UE u t-Tajwan, inkluż ftehim bilaterali ta' investiment (BIA); jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni jibdedu b'mod urġenti valutazzjoni tal-impatt, konsultazzjoni pubblika u eżerċizzju dwar l-ambitu fuq BIA mal-awtoritajiet tat-Tajwan bi tnejn għan-negozjati biex jiġu approfonditi r-rabtiet

¹¹ JOIN/2021/0027.

¹² Testi adottati, P9_TA(2021)0382.

ekonomiċi bilaterali; jinnota bi tħassib serju l-wiri reċenti tal-forza u l-intesifikazzjoni tat-tensjonijiet f'hotspots reġjonali bħall-Baħar tan-Nofsinhar u l-Baħar tal-Lvant taċ-Ċina u l-Istrett tat-Tajwan; jesprimi tħassib serju dwar il-manuvri militari kontinwi taċ-Ċina fl-Istrett tat-Tajwan, inklużi dawk immirati lejn it-Tajwan jew li jseħħu fiż-Żona ta' Identifikazzjoni tad-Difiża tal-Ajru tat-Tajwan; jistieden lir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina twaqqaf dan it-tħeddid militari li joħloq tħeddid serju għall-paċi u l-istabbiltà fl-Istrett tat-Tajwan u fir-reġjun Indo-Paċifiku; itenni li r-relazzjoni bejn iċ-Ċina u t-Tajwan għandha tiġi żviluppata b'mod kostruttiv permezz ta' djalogu; jisħaq li l-oppożizzjoni tiegħu għal kwalunkwe azzjoni unilaterali tista' ddgħajjed l-istatus quo tal-Istrett ta' Tajwan; jisħaq li kwalunkwe bidla fir-relazzjonijiet bejn iċ-Ċina u t-Tajwan ma tridx issir kontra r-rieda taċ-ċittadini Tajwaniżi; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jassumu rwol proattiv fil-kollaborazzjoni ma' sħab internazzjonali tal-istess fehma biex jippruvaw jiksbu l-paċi u l-istabbiltà fl-Istrett tat-Tajwan, u biex jistabbilixxu sħubijiet mal-Gvern demokratiku tat-Tajwan;

58. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari kontra l-minoranzi etniċi u reliġjużi li, fil-biċċa l-kbira, jimmiraw lejn l-Ujguri Musulmani, l-Insara u t-Tibetani, iżda jikkundanna wkoll ir-repressjoni tad-demokrazija u tal-libertajiet fil-Macao u f'Hong Kong, inkluż permezz tal-impożizzjoni tal-Liġi Nazzjonali dwar is-Sigurtà ħarxa fl-2020; jikkundanna l-imġiba aggressiva taċ-Ċina fil-Baħar tan-Nofsinhar u fil-Baħar tal-Lvant taċ-Ċina li għandha impatt fuq il-libertà ta' navigazzjoni, kif ukoll il-pożizzjoni reviżjonista taċ-Ċina fl-Asja tal-Lvant, li rriżultat f'għadd ta' ġlied fil-fruntieri mal-ġirien tagħha;
59. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu tas-sanzjonijiet mingħajr bażi u arbitrariji imposti mill-awtoritajiet Ċiniżi fuq diversi individwi u entitajiet Ewropej, inklużi ħames Membri tal-Parlament Ewropew; itenni l-appell tiegħu lill-Gvern Ċiniż biex ineħħi dawn il-miżuri restrittivi kompletament inġustifikati;
60. Jikkundanna l-azzjonijiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'Hong Kong u jissottolinja li l-imminar kontinwu tal-awtonomija ta' Hong Kong mhux biss imur kontra l-obbligi tat-trattati bilaterali taċ-Ċina u d-dritt internazzjonali, iżda jqajjem ukoll dubju fir-rigward tar-rwol ta' Beijing bħala sieħeb kredibbli; isaħħaħ l-impenn tiegħu għas-sanzjonijiet immirati skont ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem kontra l-uffiċjali Ċiniżi involuti fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'Hong Kong u fi Xinjiang, u jħeġġeġ ukoll lill-Kunsill jadotta sanzjonijiet immirati, inkluża l-implimentazzjoni ta' projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u ffriżar tal-assi, kontra individwi u entitajiet f'Hong Kong u fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali f'Hong Kong; jistieden lil dawk l-Istati Membri li għad għandhom trattati ta' estradizzjoni maċ-Ċina u Hong Kong biex jissospendu l-estradizzjonijiet individwali kull meta l-estradizzjoni ta' individwu tpoġġih f'riskju ta' tortura jew ta' trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti, jekk dak l-individwu jkun sottopost għal akkużi għal raġunijiet politikament motivati, f'sitwazzjonijiet oħrajn li fihom b'mod ġenerali jkun mmirati l-minoranzi etniċi, ir-rappreżentanti tal-oppożizzjoni favur id-demokrazija f'Hong Kong u d-dissidenti, u kull meta dan ikun qed jikser l-obbligi tal-UE fl-ambitu tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
61. Jissottolinja l-importanza li l-UE tingħaqad mas-sħab trans-Atlantiċi tagħha fit-tweġġiq

ta' investigazzjoni esterna indipendenti dwar l-oriġini tal-virus tal-COVID-19 li oriġina f'Wuhan, fiċ-Ċina, sabiex jinstabu it-tweġibiet u l-informazzjoni tant meħtieġa dwar il-prevenzjoni possibbli ta' diżastri globali futuri li jaffettwaw direttament il-politika estera u ta' sigurtà;

62. Jiddenunzja l-koerċizzjoni min-naħa tal-Partit Komunista Ċiniż fil-konfront tal-Litwanja u tal-Istati Membri u ta' sħab oħrajn tal-UE, u jitlob solidarjetà akbar mal-pajjiżi suġġetti għall-koerċizzjoni min-naħa tal-Partit Komunista Ċiniż, inkluż permezz ta' kollaborazzjoni mal-alleati demokratiċi tagħna fil-ftuħ tas-swieq tagħna għal ekonomiji li qed ibatu mill-koerċizzjoni ekonomiku min-naħa tal-Partit Komunista Ċiniż;
63. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-President tal-Kummissjoni ħabbret il-pjanijiet għall-preżentazzjoni ta' komunikazzjoni konġunta ġdida dwar sħubija mar-reġjun tal-Golf; jistieden lill-UE tippreżenta strateġija koerenti għal impenn ibbilanċjat tal-UE fir-reġjun, bil-promozzjoni tas-sigurtà u tal-kooperazzjoni reġjonali bħala objettiv strateġiku fundamentali; jinnota li tali impenn għandu jistinka biex jinħolqu sinerġiji mal-atturi reġjonali, bħal permezz tal-Konferenza ta' Bagdad għall-Kooperazzjoni u s-Sħubija u permezz ta' appoġġ akbar tal-UE għall-inizjattivi ta' djalogu Track II li jinvolvu d-dinja akkademika, is-soċjetà ċivili, il-mexxejja reliġjużi u atturi oħrajn; huwa mħeġġeġ mit-taffija tat-tensjonijiet bejn l-Iran u l-Arabja Sawdija u jistieden liż-żewġ pajjiżi jikkonkludu malajr il-proċess ta' ripristinu tar-relazzjonijiet diplomatiċi sħaħ; itenni li l-prijorità tal-UE tikkonsisti fir-reintroduzzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK) għal finijiet ta' sigurtà għall-Ewropa u għar-reġjun; ifakkar fil-fatt li l-PAKK jibqa' l-uniku mod biex jieqfu l-attivitajiet nukleari inkwetanti tal-Iran; ifaħħar ir-rwol tal-VP/RGħ u tas-SEAE fil-medjazzjoni bejn l-Istati Uniti u l-Iran fl-isforzi biex il-PAKK jiġi introdott mill-ġdid; jistieden lill-Istati Uniti u lill-Iran isegwu negozjati sinifikattivi bil-għan li jirritornaw għall-konformità mal-PAKK; jinsisti li t-triq lejn ir-reintroduzzjoni tal-PAKK tgħaqqad ir-ritorn sħiħ tal-Iran għall-obbligi tiegħu skont il-PAKK mat-tneħħija tas-sanzjonijiet kollha tal-Istati Uniti relatati mal-PAKK; jinnota l-ħtieġa li jiġu indirizzati u miġġielda l-attivitajiet malizzjużi u destabilizzanti usa' tal-Iran fil-Lvant Nofsani u lil hinn minnu, inkluż fit-territorju tal-Istati Membri; jisħaq li kwalunkwe ftehim mal-Iran jeħtieġ li jinkludi garanziji suffiċjenti sabiex l-Iran ma jkunx jista' jikseb armi nukleari; jesprimi tħassib serju dwar in-nuqqas ta' aċċess għat-tagħmir ta' monitoraġġ u ta' sorveljanza tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) irrappurtat f'faċilitajiet u f'postijiet nukleari fl-Iran, li jostakola ħafna l-kapaċità tal-IAEA li tivverifika u timmonitorja l-attivitajiet nukleari tal-Iran, u dwar il-fatt li l-kwistjonijiet tal-garanziji għadhom ma ssovwewx f'dawn l-aħħar sentejn; jikkundanna l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tal-Iran kontra l-poplu tiegħu stess, il-programm tal-missili ballistiċi u l-attivitajiet ta' terroriżmu fir-reġjun;
64. Jissottolinja li s-sitwazzjoni fl-Afganistan isservi ta' twissija biex l-UE tivvaluta mill-ġdid l-approċċ internazzjonali għall-bini tan-nazzjon barra mill-pajjiż u biex tfassal mill-ġdid b'mod strateġiku approċċ integrat tal-politiki esterni tagħha, biex iżżid is-sehem tagħha ta' responsabbiltà fis-sigurtà globali u biex timmira lejn sovranità akbar fil-politika estera u ta' sigurtà tagħha; jinsab imħasseb bis-sitwazzjoni umanitarja, politika, ekonomika u ta' sigurtà drammatika fl-Afganistan, b'mod partikolari peress li ċittadini Afgan minn kull tlieta jbati għu kbir; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jżidu l-għajnuna umanitarja u jużaw l-istrumenti kollha disponibbli sabiex jiżguraw li l-

Afgani friskju jkollhom aċċess għall-protezzjoni; jisħaq fuq il-bżonn li r-reġim Taliban jerfa' r-responsabbiltà u jagħti kont ta' għemilu f'dawk li huma l-protezzjoni tal-ħajja tal-bniedem u tal-proprjetà u għar-ripristinu tas-sigurtà, tal-ordni ċivili u tas-servizzi pubbliċi; itenni li n-nisa u l-bniet Afgani, in-nies fi professjonijiet marbutin mas-soċjetà ċivili Afgana, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti politiċi, il-ġurnalisti, id-dinja akkademika, l-artisti, il-minoranzi reliġjużi u etniċi u gruppi oħrajn f'riskju, bħall-persuni Afgani kollha, jistħoqqilhom li jgħixu fis-sikurezza, fis-sigurtà u fid-dinjità u li jkollhom aċċess sħiħ għall-edukazzjoni u għall-ħajja pubblika, u jilqa' pożittivament l-appoġġ internazzjonali estensiv għad-drittijiet u għal-libertajiet tagħhom; jitlob l-evakwazzjoni ulterjuri tal-Afgani friskju, b'mod partikolari l-imħallfin nisa, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, il-persunal lokali u persuni oħrajn f'riskju minħabba l-attivitajiet tagħhom fil-promozzjoni tad-demokrazija u tal-libertajiet fundamentali; jistieden lill-UE żżomm ir-riżultati li kisbet f'dawn l-aħħar 20 sena u tiżgura li l-Afganistan ma jerġax jinbidel frifugju sikur għall-gruppi terroristiċi; jistieden lill-UE twettaq skrutinju bir-reqqa u li tislet tagħlimiet mill-impenn li dan 20 sena fl-Afganistan u li tiżviluppa minnufih strateġija komprensiva tal-UE bbażata fuq it-tagħlimiet għall-Afganistan u għall-pajjiżi tal-madwar; jenfasizza l-importanza li jkun hemm kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien u reġjonali biex jiġu żgurati s-sigurtà globali u l-istabbiltà reġjonali, filwaqt li jitqies li mhux il-ġirien u s-setgħat reġjonali kollha tal-Afganistan kellhom l-istess għanijiet bħall-koalizzjoni mmexxija mill-Istati Uniti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol importanti li kellhom ċerti pajjiżi fir-rimpatriju tal-Ewropej u fl-evakwazzjoni ta' Afgani f'diffikultà, b'mod partikolari billi eżerċitaw pressjoni diplomatika sinifikanti fuq il-forzi Talibani;

65. Jilqa' pożittivament l-impenn imġedded tal-UE fir-reġjun Indo-Paċifiku u r-rikonossiment tal-importanza dejjem ikbar tiegħu għall-interessi tal-UE kif imsemmi fil-komunikazzjoni konġunta tas-16 ta' Settembru 2021 mill-VP/RGħ u mill-Kummissjoni dwar l-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku¹³ kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' April dwar l-istess suġġett; huwa favur kooperazzjoni aktar b'saħħitha mal-pajjiżi fir-reġjun, b'mod partikolari l-Ġappun, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), l-Awstralja, New Zealand u l-Korea; jirrikonoxxi l-kompetizzjoni ġeopolitika intensa u t-tilwim territorjali fir-reġjun, imqanqla l-aktar minħabba l-assertività dejjem akbar taċ-Ċina mal-ġirien tagħha; jistieden lill-partijiet kollha jaderixxu mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar; jissottolinja l-bżonn ta' impenn strateġiku fit-tul fir-reġjun Indo-Paċifiku u tal-ħolqien ta' mekkaniżmi komprensivi u strateġiċi ta' djalogu bilaterali u multilaterali mal-pajjiżi tal-Indo-Paċifiku u mas-soċjetajiet tagħhom, b'mod partikolari ma' pajjiżi tal-istess fehma bħal, fost l-oħrajn, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, l-Awstralja u New Zealand; jissottolinja l-importanza tas-sigurtà u tal-istabbiltà fl-Indo-Paċifiku għall-prosperità u s-sigurtà fl-UE; jinnota sħubijiet emerġenti ġodda fir-reġjun bħall-ħolqien tal-alleanza militari trilaterali bejn l-Awstralja, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti (AUKUS) u jesprimi d-dispjaċir tiegħu dwar il-fatt li din is-sħubija nħolqot b'livell baxx ta' koordinament;
66. Jenfasizza l-influenza reġjonali u ġeopolitika dejjem tikber tal-Indja; jissottolinja li hemm bżonn żieda fl-impenn politiku biex tissaħħaħ is-sħubija UE-Indja u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali; itenni l-bżonn ta' sħubija aktar profonda li

¹³ JOIN/2021/0024.

għandha tkun ibbażata fuq valuri komuni u rispetti sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem; jirrikonoxxi li l-Indja hija sieħeb kruċjali għall-UE minħabba l-pożizzjoni tagħha u r-rwol ewlieni tagħha f'oqsma fundamentali;

67. Jitlob żieda u titjib fil-kooperazzjoni mas-sħab tagħna fl-Amerka Latina; jemmen li relazzjoni msaħħa mal-Amerka Latina u mal-Karibew (ALK) hija importanti ħafna għall-istrateġija ġeopolitika tal-UE fid-dinja; jisħaq fuq il-bżonn li l-Unjoni ssaħħa ir-rabtiet li jgħaqqdu l-UE u l-pajjiżi tal-ALK, b'mod partikolari fid-difiża tal-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli; jistieden lill-UE tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha mas-sħab tal-ALK; iħeġġeġ lill-UE terġa' tokkupa l-pożizzjoni tagħha bħala sieħba privileġġjata tal-pajjiżi tal-Amerka Latina fid-dawl ta' atturi ġeopolitiċi oħrajn li qegħdin jokkupaw dejjem aktar spazju fir-reġjun, speċjalment bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19 u d-diplomazija tal-vaċċini; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jimplementaw politiki aktar assertivi fil-konfront ta' reġimi awtoritarji li bbenefikaw mir-relazzjonijiet tagħhom mal-UE u li neħħew, kisru jew rażżnu direttament id-drittijiet u l-libertajiet ta' ċittadini tagħhom;

Issaħħa is-sorveljanza, l-iskrutinju u r-responsabbiltà demokratiċi u d-dimensjoni parlamentari tal-PESK tal-UE

68. Jenfasizza l-kontribut speċifiku li ta l-Parlament Ewropew lill-politika estera u ta' sigurtà tal-UE permezz tar-riżorsi parlamentari tad-diplomazija tiegħu, pereżempju permezz tar-rapporti u tar-riżoluzzjonijiet tiegħu, ix-xibka spissa ta' organi interparlamentari permanenti tiegħu, id-djalogu politiku tiegħu ma' detenturi ta' kariga fid-dinja kollha u l-attivitajiet tiegħu fir-rigward tas-sostenn għad-demokrazija, tal-medjazzjoni u tal-osservazzjoni elettorali; jafferma li l-Parlament għandu jagħmel użu sħiħ mis-setgħat baġitarji u ta' sorveljanza tiegħu fid-deċizzjonijiet tal-Unjoni fix-xena internazzjonali; jenfasizza l-importanza tal-programmi ta' sostenn għad-demokrazija tal-Parlament li għandhom potenzjal qawwi biex isaħħu r-rwol tal-UE fid-dinja billi jinvolvu lill-partijiet politiċi kkonċernati fundamentali u jiffaċilitaw il-governanza demokratika sostenibbli fil-pajjiżi mhux tal-UE;
69. Jissottolinja li d-djalogu politiku u tekniku bejn il-parlamenti huwa kruċjali u jrid ikun ikkoordinat sewwa mal-azzjonijiet tal-eżekuttiv; jisħaq, f'dan is-sens, fuq l-importanza ta' skambju mingħajr intoppi tal-informazzjoni pertinenti kollha bejn l-istituzzjonijiet fil-qasam tal-PESK, inkluż l-iskambju tal-informazzjoni kunfidenzjali rilevanti, fl-interess tal-effikaċja tal-azzjoni esterna tal-UE fl-intier tagħha u ta' PESK aktar responsabbli;
70. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippermettu u jsaħħu s-sorveljanza parlamentari tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż billi jkomplu l-konsultazzjonijiet regolari tagħhom mal-VP/RGħ u mal-Kummissjoni; jissottolinja li tali sorveljanza tiżvolġi rwol importanti biex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb tad-demokrazija Ewropea u l-fiduċja tal-pubbliku; jisħaq li tali sorveljanza tista' sservi bħala l-punt tat-tluq għal rwol istituzzjonali aktar b'saħħtu għall-Parlament fil-PESK; jitlob il-konklużjoni rapida tan-negozjati biex jissostitwixxu l-Ftehim Interistituzzjonali tal-2002 dwar l-aċċess tal-Parlament għall-informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u

ta' difiża¹⁴; jitlob il-koordinament tas-servizzi tas-sigurtà u tal-informazzjoni tal-Istati Membri;

71. Jissottolinja l-importanza tal-Assemblej Parlamentari bħala spazji għall-kooperazzjoni u għad-djalogu istituzzjonali u l-kontribut siewi tagħhom għall-azzjoni estera Ewropea f'materji ta' sigurtà kif ukoll il-ħtieġa li tiġi promossa l-attività tagħhom u li jiġu ggarantiti l-funzjonament u l-iżvilupp korrett tagħhom; jitlob it-tisħiħ tas-sorveljanza tal-Parlament tal-ħidma tad-Delegazzjonijiet tal-UE fir-rappreżentanza tal-valuri u l-prinċipji tal-UE barra mill-pajjiż u fit-tiftix tat-twettiq tal-interessi tal-UE mingħajr ma jiġi injorat l-approċċ tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-ħtieġa li d-Delegazzjonijiet tal-UE jkollhom ir-riżorsi u l-kapaċitajiet kollha meħtieġa u xierqa biex jaġixxu b'mod effikaċi f'dawn il-kompiti;
72. Jitlob l-użu sħiħ taż-żieda fl-involviment tal-Parlament Ewropew fil-programmazzjoni tal-Ewropa Globali u tal-IPA III; jilqa' pożittivament l-introduzzjoni ta' Djalogu Ġeopolitiku ta' Livell Għoli fuq bażi semestrali għall-istrumenti ta' finanzjament estern bħala strument kritiku biex mhux biss jagħmlu skrutinju, iżda wkoll biex jiddefinixxu b'mod attiv il-prijoritajiet tal-politika estera tal-UE; jissottolinja li dawn id-djalogi ġeopolitiċi għandhom l-għan li jippermettu lill-Parlament jipprovdi orjentamenti, tmexxija strateġika u gwida għall-programmazzjoni u għall-implimentazzjoni fil-prijoritajiet tematiċi u ġeografiċi kollha tal-Ewropa Globali u tal-IPA III; jinsisti, madankollu, li l-Parlament għandu jirċievi dokumenti preparatorji rilevanti fil-ħin u b'livell adegwat ta' dettall sabiex iwettaq skrutinju sinifikattiv; jitlob trasparenza mtejba fl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji permezz tal-ħolqien ta' bażi tad-data pubblika trasparenti, komuni u unika ta' proġetti u azzjonijiet;
73. Ifakkar lill-Kunsill dwar id-dritt tal-Parlament li jiġi infurmat dwar l-istadji kollha tal-proċeduri marbutin man-negożjati u mal-konklużjonijiet tal-ftehimiet internazzjonali u l-prerogattiva tiegħu li jagħti jew li jċaħħad il-kunsens għal tali ftehimiet; huwa determinat li juża dawn is-setgħat, kif definiti fit-Trattati, sabiex jiżgura t-trasparenza u s-sorveljanza demokratika fuq il-ftehimiet internazzjonali nnegożjati f'isem l-UE, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi, kif indikat fir-rakkomandazzjoni tiegħu tat-28 ta' Marzu 2019¹⁵, inkluż fir-rigward tal-komplementarjetà tiegħu ma' strumenti oħrajn tal-UE fil-qasam tal-azzjoni esterna;
74. Itenni l-fehma tiegħu li wasal iż-żmien għal reviżjoni tad-dikjarazzjoni tal-2010 dwar ir-responsabbiltà politika bil-għan li titjieb din il-bażi għar-relazzjonijiet bejn il-Parlament u l-VP/RGħ;

o

o o

75. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-President

¹⁴ ĠU C 298, 30.11.2002, p. 1.

¹⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Marzu 2019 lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, ĠU C 108, 26.3.2021, p. 141.

tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

11.11.2021

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijjet Barranin

dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni - rapport annwali 2021 (2021/2182(INI))

Rapporteur għall-opinjoni: Gerolf Annemans

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijjet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-impatt ġeopolitiku tal-pandemija tal-COVID-19 u ambjent ta' sigurtà li qed jiddeterjora malajr qed joħolqu sfidi mingħajr preċedent għall-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni; jenfasizza li, quddiem dawn l-isfidi, l-Unjoni jeħtiġilha żżid ir-reżiljenza tagħha u tevalwa u ttejjeb fundamentalment l-effettività u l-ħeffa tar-reazzjonijiet tagħha għall-ambjent globali li qed jinbidel b'rata mgħagħla;
2. Jistieden lil dawk kollha responsabbli li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE biex iżidu b'mod sinifikanti l-impronta ġeopolitika tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, biex sadanittant, jingranaw l-istrumenti legali u politiċi eżistenti kollha biex isaħħu r-rwol tal-UE fid-dinja; ifakkar li l-ġlieda għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija għandha tibqa' fil-qalba tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK); ifakkar fid-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jagħtu lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijjet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) ir-responsabbiltà għat-tmexxija tal-PESK tal-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu r-rwol tal-VP / RGħ fin-negozjati internazzjonali; josserva, f'dan ir-rigward, li spiss ma ssir dispożizzjoni għall-involviment tal-VP/RGħ fin-negozjati internazzjonali; jissottolinja li perċezzjoni qawwija tar-rwol tal-VP/RGħ tista' tissarraf f'impatt ġeopolitiku akbar tal-PSDK;
3. Ifakkar fl-Artikolu 31(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jippermetti lill-Kunsill jieħu ċerti deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet tal-PESK permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata (VMK), u l-"klawsola passerelle" li tinsab fl-Artikolu 31(3) tat-TUE, li tipprevedi l-bidla progressiva għal VMK għal deċiżjonijiet fil-qasam tal-PESK li ma jkollhomx implikazzjonijiet militari jew ta' difiża iżda li jsaħħu s-solidarjetà u l-assistenza reċiproka tal-UE fi żminijiet ta' kriżi; jissottolinja l-ħtieġa li l-UE

tirreaġixxi għal ambjent globali li qed jinbidel b'mod rapidu, filwaqt li jfakkar li rarament tibgħat sinjali b'saħħithom lil pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk b'politiki esteri aggressivi mmexxija mill-awtokrati;

4. Jibqa' impenjat b'mod qawwi għas-sħubija tal-Unjoni man-NATO, li tibqa' fundamentali għall-politika tas-sigurtà tal-UE; jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tas-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO; jilqa', f'dan ir-rigward, it-tnejjijiet li għaddejjin bħalissa tad-Dikjarazzjoni Konġunta l-għdida bejn l-UE u n-NATO, li se tiġi ppreżentata qabel tmiem is-sena; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jisfruttaw l-okkażjoni biex japprofondixxu l-kooperazzjoni tas-sigurtà multilaterali ma' sħab ta' fiduċja u jiżguraw il-konsistenza mal-politiki interni; jirrimarka li l-UE jeħtiġilha sadanittant tieħu r-responsabbiltà u ssaħħaħ il-politika tas-sigurtà tagħha permezz tal-oqfsa ta' politika interna rilevanti;
5. Jesprimi dispjaċir li m'hemm l-ebda kooperazzjoni strutturata bejn l-UE u r-Renju Unit fil-qasam tal-politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża; jitlob l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-Ftehim dwar il-Ħruġ, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet globali f'fora multilaterali, il-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, it-tibdil fil-klima, ir-reġimi ta' sanzjonijiet, in-nonproliferazzjoni u d-diżarm, il-għlieda kontra t-terroriżmu, u ċ-ċibersigurtà; jilqa' l-istabbiliment tal-Assemblea Parlamentari ta' Sħubija UE-Renju Unit u jitlob li din tiġi kkostitwita malajr u tibda l-ħidma tagħha;
6. Ifakkar li fis-16 ta' Ġunju 2020, il-ministri tad-difiża tal-UE ddeċidew li jiżviluppaw Boxxla Strateġika għas-sigurtà u d-difiża; jinnota li huwa mistenni li jinħareġ ftehim ġuridiko-politiku fil-bidu tal-2022¹⁶; josserva l-potenzjal tal-Boxxla Strateġika, li tista' tiffirma l-qalba tal-istrateġija tad-difiża Ewropea l-għdida u ttejjeb l-għodod attwali; jinnota, barra minn hekk, li l-Boxxla Strateġika għandha l-għan li trawwem "kultura strateġika" Ewropea komuni, filwaqt li tħeġġeġ lill-Istati Membri lejn fehim komuni tat-theddiet ewlenin għall-Ewropa u kif l-UE tista' tkun fornitur tas-sigurtà;
7. Jistieden lil dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-għlieda kontra l-indhila barrani minn partijiet terzi, id-diżinformazzjoni manipulattiva, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u theddid ibridu ieħor li jimmina l-kapaċità tal-Unjoni li tindirizza sfidi ġodda, u li tiżviluppa u timplimenta b'mod effettiv il-politika interna u estera tagħha; jinnota ż-żieda fil-kampanji ta' diżinformazzjoni marbutin mal-pandemija tal-COVID-19 u r-rwol negattiv li kellhom ċerti atturi fl-avanz ta' dawn il-kampanji; jitlob koordinament aħjar u aktar profond għall-identifikazzjoni f'waqtha u d-deterrenza effiċjenti tal-attakki ċibernetiċi li joħolqu r-riskju li jipperikolaw l-istabbiltà interna tal-UE u t-theddid ibridu li juża l-migrazzjoni u l-provvisti tal-enerġija bħala armi, u b'hekk tiġi pperikolata s-sigurtà interna u tal-enerġija tal-UE; jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE u lill-Istati Membri jimmodernizzaw ir-reazzjonijiet tagħhom għal dan it-theddid, fost l-oħrajn, permezz ta' sett ta' għodod ibridi għdid tal-UE, li għandu jinkludi kontromiżuri kollettivi konsistenti kontra aggressuri barranin;
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippermettu u jsaħħu s-sorveljanza

¹⁶ Ara l-briefing tal-Parlament Ewropew:

[https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2021/698057/EPRS_BRI\(2021\)698057_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2021/698057/EPRS_BRI(2021)698057_EN.pdf)

parlamentari tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż billi jkomplu l-konsultazzjonijiet regolari tagħhom mal-VP/RGħ u mal-Kummissjoni; jissottolinja li tali sorveljanza għandha rwol importanti biex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb tad-demokrazija Ewropea u l-fiduċja tal-pubbliku; jišhaq li tali sorveljanza tista' sservi bħala l-punt tat-tluq għal rwol istituzzjonali aktar b'saħħtu għall-Parlament fil-PESK; jitlob il-konklużjoni rapida tan-negożjati biex jissostitwixxu l-Ftehim Interistituzzjonali tal-2002 dwar l-aċċess tal-Parlament għall-informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża; jitlob il-koordinament bejn is-servizzi tas-sigurtà u tal-informazzjoni tal-Istati Membri li għandhom jiġu implimentati;

9. Jitlob l-involviment attiv tal-istrumenti tal-Parlament fil-PESK; jissottolinja l-importanza u n-natura unika tas-sett ta' programmi ta' demokratizzazzjoni tal-Parlament, bħad-"Djalogu Jean Monnet", immirati lejn it-trawwim u t-tiħiħ tal-ħidma tal-parlamenti; ifakkar fil-fatt li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE għandhom jipparteċipaw u jaħdmu flimkien f'attivitajiet li għandhom l-għan li jikkontrobattu r-rigress globali tad-demokrazija, inkluż permezz tal-osservazzjoni elettorali, l-attivitajiet ta' medjazzjoni u djalogu, il-prevenzjoni tal-kunflitti, l-għoti u n-network tal-Premju Sakharov, u d-diplomazija parlamentari, filwaqt li l-Parlament iżomm rwol prominenti;
10. Ifakkar fil-fatt li, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa¹⁷, il-Parlament elenka "Is-sigurtà u r-rwol tal-UE fid-dinja" bħala waħda mill-prijoritajiet ta' politika; jilqa' l-fatt li din kienet, fost l-oħrajn, imsarrfa f'azzjoni tanġibbli, fil-forma ta' grupp ta' ħidma plenarju dwar "L-UE fid-dinja"; jinnota li għadd ta' kontribut konsiderevoli fuq il-pjattaforma tal-Konferenza jipproponi t-tiħiħ tar-rwol tal-UE fid-dinja; ifakkar li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tista' sservi bħala opportunità biex jiġi diskuss l-istatus quo istituzzjonali u jingħata impetu ġdid lid-demokrazija tal-UE; jistieden lill-parteċipanti tal-Konferenza jikkunsidraw il-mezzi kollha possibbli biex jintlaħaq dak l-għan.

¹⁷ ĠU C 270, 7.7.2021, p. 71.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	9.11.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 17 -: 2 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gerolf Annemans, Damian Boeselager, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Gwendoline Delbos-Corfield, Pascal Durand, Daniel Freund, Esteban González Pons, Giuliano Pisapia, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon, Antonio Tajani, Guy Verhofstadt, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Gunnar Beck, Angel Dzhambazki, Alin Mituța
Sostituti skont l-Artikolu 209(7) preżenti għall-votazzjoni finali	Stelios Kypouropoulos, Ljudmila Novak

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

17	+
ID	Gerolf Annemans, Antonio Maria Rinaldi
NI	Fabio Massimo Castaldo
PPE	Esteban González Pons, Stelios Kypouropoulos, Ljudmila Novak, Sven Simon, Antonio Tajani, Loránt Vincze, Rainer Wieland
S&D	Włodzimierz Cimoszewicz, Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund

2	-
ID	Gunnar Beck
THE LEFT	Helmut Scholz

5	0
ECR	Angel Dzhambazki, Jacek Saryusz-Wolski
RENEW	Pascal Durand, Alin Mituța, Guy Verhofstadt

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

Data tal-adozzjoni	10.12.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 46 -: 9 0: 11
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alviina Alametsä, Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Anna Bonfrisco, Reinhard Bütikofer, Fabio Massimo Castaldo, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Tanja Fajon, Anna Fotyga, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Sandra Kalniete, Maximilian Krah, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Antonio López-Istúriz White, Lukas Mandl, Thierry Mariani, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Manu Pineda, Giuliano Pisapia, Thijs Reuten, Jérôme Rivière, María Soraya Rodríguez Ramos, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Jacek Saryusz-Wolski, Andreas Schieder, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Tineke Strik, Hermann Tertsch, Hilde Vautmans, Harald Vilimsky, Idoia Villanueva Ruiz, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Özlem Demirel, Assita Kanko, Michal Šimečka, Mick Wallace
Sostituti skont l-Artikolu 209(7) preżenti għall-votazzjoni finali	Deirdre Clune, Charles Goerens, Maria Noichl, Bettina Vollath

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

46	+
NI	Fabio Massimo Castaldo, Márton Gyöngyösi
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Lukas Mandl, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko
Renew	Petras Auštrevičius, Katalin Cseh, Charles Goerens, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Nathalie Loiseau, Urmas Paet, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans
S&D	Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Tanja Fajon, Raphaël Glucksmann, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Bettina Vollath
Verts/ALE	Alviina Alametsä, Reinhard Bütikofer, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Salima Yenbou

9	-
ID	Maximilian Krah, Thierry Mariani, Jérôme Riviére, Harald Vilimsky
NI	Kostas Papadakis
The Left	Özlem Demirel, Manu Pineda, Idoia Villanueva Ruiz, Mick Wallace

11	0
ECR	Anna Fotyga, Assita Kanko, Jacek Saryusz-Wolski, Hermann Tertsch, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers
ID	Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi
PPE	Deirdre Clune
S&D	Maria Noichl, Sergei Stanishev

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni